



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2011/0380(COD)

30.10.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd [li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata] (COM(2011)0804 – C7-0460/2011 – 2011/0380(COD))

Rapporteur: Rosa Estaràs Ferragut

PA_Legapp

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni

Fid-dawl tal-perjodu li jmiss ta' pprogrammar finanzjarju, il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) ġdid, li se jikkombina, minn naħa, il-miżuri sussidjabbli tal-politika tas-sajd u, min-naħa l-oħra, il-finanzjament tal-Politika Marittima Integrata (PMI) l-ġdida. Bl-unifikazzjoni taż-żewġ politiki fi strument finanzjarju wieħed, il-Kummissjoni tixtieq tissimplifika u tnaqqaz il-piż amministrattiv, kif ukoll tikkonsolida l-PMI l-ġdida għall-futur.

Il-FEMS se jissostitwixxi ħames Regolamenti: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd, ir-Regolament (KE) Nru 861/2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar, id-dispożizzjonijiet tal-Fond ta' Garanzija previsti fir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u r-Regolament (KE) Nru 791/2007 li jintroduċi skema bħala kumpens għall-ispejjeż addizzjonali magħmula fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd mir-reġjuni l-aktar imbiegħda l-Azores, il-Madeira, il-Gżejjer Kanari, il-Gujana Franċiża u r-Réunion.

L-allokkazzjoni finanzjarja tal-fond il-ġdid se tkun ta' EUR 6 500 miljun, li huma ekwivalenti bejn wieħed u ieħor għan-nefqa li qed issir fil-perjodu attwali ta' pprogrammar. Madwar EUR 5 520 miljun ta' dan il-finanzjament se jkunu fil-biċċa l-kbir tagħhom allokatil lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni għall-ġestjoni konġunta tal-PKS. Madwar EUR 1 047 miljun se jkunu allokatil għall-ġestjoni diretta mill-Kumitat tal-PMI u mill-miżuri maħsuba biex jippromwovu l-applikazzjoni taż-żewġ politiki.

Fil-qasam tas-sajd, il-Fond jissodisfa l-oġettivi tal-proposta għal riforma tar-regolament bażiku tal-PKS, li fiha wieħed jixtieq, fost miżuri oħra, jippromwovi l-użu ta' tagħmir tas-sajd li jirrispetta iktar ir-riżorsi fid-dawl tal-eliminazzjoni tar-rimi u l-istabbiliment tar-Rendiment Massimu Sostenibbli (RMS). Dan jiġbor fl-istess ħin il-miżuri eliġibbli previsti fil-proposta dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq (OKS) tal-prodotti tas-sajd.

Il-Kummissjoni Ewropea teskludi l-possibilità li tingħata għajjnuna għall-waqfien permanenti u temporanju mill-attività tas-sajd b'kunsiderazzjoni li, fil-futur, l-aġġustamenti tal-kapaċità jkunu jistgħu jitwettqu permezz tas-sistema l-ġdida ta' trasferiment tad-drittijiet.

Din tiffavorixxi, min-naħa l-oħra, l-għajjnuna għas-sajd fuq skala żgħira u tixtieq tħeġġeġ proġetti ta' innovazzjoni fis-sajd u l-akkwakultura u sostenibilità ambjentali ikbar permezz ta' tekniki li jirrispettaw iktar ir-riżorsi, kif ukoll tippromwovi l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Il-FEMS ipoġġi enfażi partikolari fuq l-iżvilupp tal-impjiegi fiż-żoni kostali. Miżura waħda bħal din hija d-diversifikazzjoni fattivitajiet marittimi għajr is-sajd.

Il-proposta dwar il-fond il-ġdid għandha l-għan ukoll li ssaħħa is-sostenibilità soċjali billi tirrikonoxxi għall-ewwel darba r-rwol li spiss ikollhom il-konjuġi fin-negozju familjari tas-sajd, f'haġna każijiet mingħajr ebda rikonoxximent legali.

Il-pożizzjoni tar-rapporteur

Ir-rapporteur tilqa' l-miżuri previsti mill-Kummissjoni Ewropea favur l-iżvilupp ekonomiku u soċjali taż-żoni tal-kosta Ewropej u tikkondividi parti kbira mill-objettivi tal-proposta. Hi tqis li l-Kummissjoni qed tagħmel sforzi pożittivi biex ittejjeb il-kwalità tal-ġhixien tal-popolazzjonijiet li jgħixu f'dawn iż-żoni.

Madankollu, l-approċċ tal-Kummissjoni jikkonsisti fi tnaqqis globali tal-piż finanzjarju tal-attivitajiet tas-sajd, li għadu settur vitali għal ħafna żoni, favur diversifikazzjoni ikbar lejn attivitajiet marittimi oħra u għall-benefiċċju tal-PMI.

L-objettivi tal-Fond previsti fil-proposta għandhom jiġu definiti mill-ġdid biex jissaħħaħ ir-rwol soċjoekonomiku importanti tas-settur tas-sajd u tiġi rikonossuta l-funzjoni li għandhom bl-istess mod is-setturi tal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni fil-ħolqien tal-impjiegi.

Ir-rapporteur tappoġġa l-istabbiliment ta' sistema ta' drittijiet tal-kwoti trasferibbli sakemm din tkun limitata għal ċerti flotot, imma toponi t-tneħħija tal-ġhajnuniet għall-waqfien permanenti jew sospensjonijiet temporanji tal-attività. Dawn il-miżuri għenu biex jaġġustaw il-kapaċità tas-sajd u jtaffu l-impatt finanzjarju ta' sitwazzjonijiet serji bħal pereżempju ftehimiet tas-sajd li waslu fi tmiem. Dawn l-ġhajnuniet għandhom jinżammu, sew jekk finalment tiġi rrifjutata jew le l-proposta tal-Kummissjoni li ddaħħal sistema ta' ġestjoni bbażata fuq konċezzjonijiet tas-sajd trasferibbli, għax din is-sistema se teħtieġ żmien ta' adattament qabel ma jkollha effett fuq il-kapaċità tas-sajd tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni f'it għandha miżuri soċjoekonomiċi biex jgħinu lis-sajjieda, għajr dawk relatati mat-taħriġ fit-tul u t-tfassil tal-pjanijiet tan-negozju meta s-sajjieda jieqfu mis-sajd. Għalhekk hemm bżonn ta' aktar miżuri biex jipprovdur għajnunata lil dawk li huma sfurzati joħorġu barra mis-settur wara t-tmiem ta' attività ta' bastiment, bħal pereżempju rtirar bikri u għajnunata b'rata fissa.

Is-settur tas-sajd, bħall-bqija tas-setturi ekonomiċi l-oħra, irid jikkontribwixxi wkoll għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Għalhekk m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-irtirar tal-ġhajnunata għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija tal-magni. Huwa vitali wkoll li l-magni jiġu modernizzati sabiex jiġi żgurat li l-bastimenti jkunu siguri.

Barra minn hekk, il-proposta mhijiex konsistenti fir-rigward ta' azzjonijiet favur it-tiġdid ġenerazzjonali, ħaġa li tikkontradixxi l-isforzi maħsuba li jsaħħu l-iżvilupp taż-żoni kostali Ewropej.

Is-settur tas-sajd fil-passat kellu jgħabbat wiċċu ma' sitwazzjonijiet drammatiċi minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal katastrofi naturali jew tniġġis ta' skala kbira, mingħajr ma l-Unjoni Ewropea kellha miżuri speċifiċi biex tiffaċċja dan it-tip ta' avvenimenti. Ir-rapporteur hija tal-fehma li l-opportunità ppreżentata minn din ir-riforma l-ġdida tal-PKS biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni m'għandhiex tinħela. Għal dan l-għan, hi tissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' appoġġ speċifiku biex jitnaqqsu l-effetti taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali.

L-abbozz ta' rapport jintroduċi definizzjoni ġdida ta' 'operatur tas-settur tas-sajd' li parzjalment tikkjarfika l-benefiċjarji li huma speċifikati fil-proposta tal-Kummissjoni u, parzjalment

testendi l-ambitu li jkopri l-ħaddiema kollha tas-settur tas-sajd, inklużi s-sajjieda tal-art. Dan hu l-każ tal-miżuri previsti biex jitjebu s-sikurezza u l-iġjene fix-xogħol, miżuri li fil-proposta tal-Kummissjoni huma limitati għas-sajjieda li jaħdmu "abbord" bastiment.

Ir-rapporteur iddaħħal ukoll modifika tad-definizzjoni tas-sajd ta' skala żgħira għax tqis li din m'għandhiex tkun ibbażata biss fuq it-tul tal-bastiment, kif tippromwovi l-Kummissjoni. Din id-definizzjoni fir-riforma se tkopri importanza speċjali li tippromwovi s-sistema ta' drittijiet ta' sajd trasferibbli, li minnha għandha tibqa' eskluża preċiżament il-flotta ta' skala żgħira biex tkun evitata l-konċentrazzjoni tar-riżorsi tas-sajd f'idejn il-bastimenti l-kbar. Dan jikkawża problemi soċjali u ekonomiċi maġġuri f'ħafna reġjuni kostali.

L-abbozz ta' rapport jimmodifika wkoll it-test tal-Kummissjoni meta dan isemmi l-miżuri tar-rimi u r-RMS, filwaqt li jirrifjuta l-oġġettivi li l-Kummissjoni tistabbilixxi fiż-żewġ kwistjonijiet fil-proposta tagħha dwar ir-regolament bażiku tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Fir-rigward tal-miżuri ta' stabilizzazzjoni tas-suq eliġibbli għall-ġhajjnuna, l-abbozz ta' rapport jirrikonoxxi t-ħassib tas-settur Ewropew fir-rigward tat-tneħħija tal-irtirar tal-ġhajjnuna għall-ħażna privata fl-2019 u l-irtirar immedjat tal-pagamenti ta' kumpens fis-settur tat-tuna.

Rigward l-akkwakultura, il-proposta tal-Kummissjoni hija ristrettiva wisq meta tillimita l-ġhajjnuna mill-fond għall-innovazzjoni fl-SMEs u l-mikroimpriżi. L-intrapriżi l-kbar huma l-uniċi li spiss ikunu jistgħu jiffaċċjaw l-investimenti neċessarji u b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-innovazzjoni hija wieħed mill-oġġettivi mfittxa minn din il-proposta, ir-restrizzjonijiet maħluqa mill-Kummissjoni jirriżultaw kontradittorji. Ir-rapporteur tqis is-sajd bħala settur tal-futur li għandu bżonn li jiġi promoss: restrizzjonijiet fl-istrument finanzjarju l-ġdid għandhom ikunu evitati.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tindirizzax f'biżżejjed dettall il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet relatati mas-sajd innifsu. B'kunsiderazzjoni ta' dan, dan l-abbozz ta' rapport għandu sensiela ta' emendi maħsuba biex jestendu l-ġhajjnuna biex tkopri l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni, li huma setturi li m'għandhomx jiġu esklużi mill-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-iżvilupp lokali.

B'mod ġenerali, ir-rapporteur taqbel mal-linji gwida l-ġodda li l-Kummissjoni introduċiet. Hi tissuġġerixxi tibdiliet li ta' spiss jirriflettu l-oġġettivi stabbiliti mill-Kummissjoni, iżda li xi kultant jitolbu li jerġgħu jiddaħħlu ċerti elementi tal-Fond Ewropew għas-Sajd l-antik u li jkomplu jiġu applikati għall-perjodu ta' pprogrammar finanzjarju li jmiss.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91(1) u 100(2), l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 175, l-Artikolu 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 195(2) **u** l-Artikolu 349 tiegħu;

Emenda

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91(1) u 100(2), l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 175, l-Artikolu 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 195(2), l-Artikolu 349 **u l-Artikolu 349** tiegħu;

Ġustifikazzjoni

Għal konsistenza ġuridika, l-Artikolu 340 tat-TFUE jeħtieġ jiġi inkluż b'ħaġa l-bażi tar-Regolament peress li d-dispożizzjonijiet ta' deroga li jinsabu fih huma kompletament iġġustifikati permezz tal-karatteristiċi elenkati fl-Artikolu 349 tat-TFUE, b'mod partikolari fejn huma involuti baċiri tal-baħar differenti minn dawk tal-Ewropa kontinentali.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEMS għandu jkopri l-appoġġ għall-PKS li jestendi sal-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-użu tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-riżorsi bijoloġiċi tal-ilma frisk u l-akkwakultura, kif ukoll l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, fejn dawn l-attivitàjiet seħħew fit-territorju tal-Istati Membri, jew fl-ilmijiet tal-Unjoni, ***anki minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi terzi, u li huma rreġistrati fihom***, jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, jew minn ċittadini tal-Istati Membri, mingħajr ħsara għar-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera, dejjem fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 117 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.

Emenda

(2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEMS għandu jkopri l-appoġġ għall-PKS li jestendi sal-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-użu tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-riżorsi bijoloġiċi tal-ilma frisk u l-akkwakultura, kif ukoll l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, fejn dawn l-attivitàjiet seħħew fit-territorju tal-Istati Membri, jew fl-ilmijiet tal-Unjoni, jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, jew minn ċittadini tal-Istati Membri, mingħajr ħsara għar-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera, dejjem fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 117 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.

Ġustifikazzjoni

Jidher li l-integrazzjoni tal-bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' pajjiżi terzi u li huma rreġistrati fihom mhijiex applikabbli f'termini tal-allokazzjoni u tal-kontroll tal-ġhajnuna Ewropea.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Il-FEMS għandu jqis is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni l-aktar imbiegħda bir-rikonoxximent sħiħ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 349 TFUE. Is-sitwazzjoni tar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tas-sajd f'dawn ir-reġjuni tfisser li l-Politika Komuni tas-Sajd u l-fondi marbutin magħha, u b'mod aktar speċifiku l-FEMS, ikunu jistgħu jiġu adattati u jadattaw ruħhom għall-ispeċifiċitajiet, ir-restrizzjonijiet, l-ispejjeż addizzjonali u r-realtajiet ta' dawk ir-reġjuni, li jvarjaw ferm sew mill-kumplement tal-Unjoni Ewropea. Għal dak l-għan, jistgħu jingħataw miżuri speċifiċi għal dawn ir-reġjuni.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Sabiex jiġi żgurat li l-FEMS jikkontribwixxi għall-kisba tal-ġhanijiet tal-PKS, tal-PMI u tal-Istrateġija Ewropa 2020, jeħtieġ li ssir enfasi fuq numru limitat ta' prijoritajiet prinċipali relatati mat-trawwim tal-innovazzjoni u l-ġharfien ibbażat fuq is-sajd u l-akkwakultura, il-promozzjoni tas-sajd u l-

(6) Sabiex jiġi żgurat li l-FEMS jikkontribwixxi għall-kisba tal-ġhanijiet tal-PKS, tal-PMI u tal-Istrateġija Ewropa 2020, jeħtieġ li ssir enfasi fuq numru limitat ta' prijoritajiet prinċipali relatati mat-trawwim tal-innovazzjoni u l-ġharfien ibbażat fuq is-sajd u l-akkwakultura, il-promozzjoni tas-sajd u l-

akkwakultura sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, u ż-żieda tal-impjiegi u l-koeżjoni territorjali **permezz tal-ftuħ tal-potenzjal tat-tkabbir u l-impjiegi** tal-komunitajiet tas-sajd kostali u interni **u l-promozzjoni tad-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd f'setturi oħrajn tal-ekonomija marittima.**

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) L-għan ġenerali tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa li tiżgura li l-attivitajiet ta' sajd u tal-akkwakultura jikkontribwixxu għal kondizzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostenibbli fit-tul, li huma neċessarji għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali. Barra minn hekk, għandha tikkontribwixxi għal produttività akbar, livell ta' għajxien tajjeb għas-settur tas-sajd, swieq stabbli, tiżgura d-disponibbiltà tar-riżorsi u li l-provvisti jilhqqu lill-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Huwa ta' importanza kbira li t-tħassib ambjentali jiġi integrat aħjar fil-PKS li għandha tilħaq l-għanijiet u l-miri tal-politika ambjentali tal-Unjoni u tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-PKS hija mmirata lejn użu tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar li jreġġa' lura u jżomm l-istokkijiet tal-ħut fil-livelli li jistgħu **joħolqu l-ogħla** rendiment *possibbli*, mhux

akkwakultura sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, u **ż-żamma u** ż-żieda tal-impjiegi u l-koeżjoni **soċjali u** territorjali tal-komunitajiet tas-sajd **u tal-akkwakultura** kostali u interni.

Emenda

(8) L-għan ġenerali tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa li tiżgura li l-attivitajiet ta' sajd u tal-akkwakultura jikkontribwixxu għal kondizzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostenibbli fit-tul **u għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tas-settur**, li huma neċessarji għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali. Barra minn hekk, għandha tikkontribwixxi għal produttività akbar, livell ta' għajxien tajjeb għas-settur tas-sajd, swieq stabbli, tiżgura d-disponibbiltà tar-riżorsi u li l-provvisti jilhqqu lill-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli.

Emenda

(9) Huwa ta' importanza kbira li t-tħassib ambjentali jiġi integrat aħjar fil-PKS li għandha tilħaq l-għanijiet u l-miri tal-politika ambjentali tal-Unjoni u tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-PKS hija mmirata lejn użu tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar li jreġġa' lura u jżomm l-istokkijiet tal-ħut fil-livelli li jistgħu **jilhqqu l-obbjettiv stabbilit b'rabta mal-ogħla**

aktar tard **mill-2015**. Il-PKS għandha timplimenta approċċi prekawzjonali u tal-ekosistemi għall-ġestjoni tas-sajd. Konsegwentement, il-FEMS għandu jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu kif stabbilit fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru [qafas] dwar l-Istrateġija Marina).

rendiment *sostenibbli*, mhux aktar tard **mill-2020**. Il-PKS għandha timplimenta approċċi prekawzjonali u tal-ekosistemi għall-ġestjoni tas-sajd. Konsegwentement, il-FEMS għandu jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu kif stabbilit fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru [qafas] dwar l-Istrateġija Marina).

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Il-finanzjament tan-nefqa tal-Politika Komuni tas-Sajd u tal-Politika Marittima Integrata permezz ta' fond waħdieni, il-FEMS, għandu jindirizza l-ħtieġa għal simplifikazzjoni, kif ukoll it-tisħiħ tal-integrazzjoni taż-żewġ politiki. L-estensjoni tal-ġestjoni konġunta għall-Organizzazzjonijiet tas-Swieq Komuni, inkluż il-kumpens għar-regġuni l-aktar imbiegħda, il-kontroll u l-attivitajiet ta' għbir *tad-dejta* għandhom ikomplu jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni u jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri, kif ukoll jiksbu konsistenza u effiċjenza akbar tal-appoġġ mogħti.

Emenda

(11) Il-finanzjament tan-nefqa tal-Politika Komuni tas-Sajd u tal-Politika Marittima Integrata permezz ta' fond waħdieni, il-FEMS, għandu jindirizza l-ħtieġa għal simplifikazzjoni, kif ukoll it-tisħiħ tal-integrazzjoni taż-żewġ politiki. L-estensjoni tal-ġestjoni konġunta għall-Organizzazzjonijiet tas-Swieq Komuni, inkluż il-kumpens għar-regġuni l-aktar imbiegħda, il-kontroll u l-attivitajiet ta' għbir *tad-data u l-għodod komplementari għall-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata* għandhom ikomplu jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni u jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri, kif ukoll jiksbu konsistenza u effiċjenza akbar tal-appoġġ mogħti.

Ġustifikazzjoni

Għandha tiġi inkluża parti mill-Politika Marittima Integrata fil-miżuri ta' ġestjoni konġunta sabiex isseħħ l-implimentazzjoni operazzjonali tagħha fl-Istati tal-Unjoni.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Il-kisba tal-għanijiet tal-PKS tkun imxekkla jekk l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt il-FEMS tingħata lil operaturi li, ex ante, ma jikkonformawx mar-rekwiżiti relatati mal-interess pubbliku ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. Għaldaqstant għandhom ikunu ammissibbli biss l-operaturi li, f'perjodu ta' żmien partikolari qabel ma jippreżentaw applikazzjoni għall-għajnuna, ma kinux involuti fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew fis-sjieda tal-bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista tal-bastimenti IUU tal-Unjoni hekk kif stabbilit fl-Artikolu 40(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999¹ u li ma wettqux ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jew l-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006. jew

¹ ĠU L286, 29.10.2008, p.1.

Emenda

(15) Il-kisba tal-għanijiet tal-PKS tkun imxekkla jekk l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt il-FEMS tingħata lil operaturi li, ex ante, ma jikkonformawx mar-rekwiżiti relatati mal-interess pubbliku ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. Għaldaqstant għandhom ikunu ammissibbli biss l-operaturi li, f'perjodu ta' żmien partikolari qabel ma jippreżentaw applikazzjoni għall-għajnuna, ma kinux involuti fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew fis-sjieda tal-bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista tal-bastimenti IUU tal-Unjoni hekk kif stabbilit fl-Artikolu 40(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 u li ma wettqux ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jew l-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 jew

każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS li b'mod partikolari jipperikolaw is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati u huma theddida serja għall-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li jirrestawra u jħares popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda **'il fuq mil-livelli li jistgħu joħlqu r-Rendimento** Massimu Sostenibbli (minn issa 'l quddiem MSY).

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) L-azzjoni meħuda mill-Unjoni għandha tkun komplimentari għall-azzjoni meħuda mill-Istati Membri jew tfittex li tikkontribwixxi għal dik l-azzjoni. Sabiex jiġi żgurat valur miżjud sinifikanti, is-sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandha tissaħħaħ permezz ta' arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' diversi tipi ta' msieħba b'attenzjoni sħiħa għall-kompetenzi istituzzjonali tal-Istati Membri. Għandha tingħata attenzjoni partikolari sabiex tiġi żgurata rappreżentanza adegwata għan-nisa u għall-gruppi ta' minoranza. Din is-sħubija tikkonċerna l-awtoritajiet reġjonali, lokali u pubbliċi oħrajn, kif ukoll korpi xierqa oħrajn, inklużi dawk responsabbli għall-ambjent u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali u korpi kompetenti oħrajn. L-imsieħba kkonċernati għandhom jiġu involuti fit-tnejjija tal-Kuntratti ta' Sħubija, kif ukoll fit-tnejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-ippogrammar.

każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS li b'mod partikolari jipperikolaw is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati u huma theddida serja għall-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li jirrestawra u jħares popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda **f'livelli qrib ir-Rendimento** Massimu Sostenibbli (minn issa 'l quddiem MSY).

Emenda

(22) L-azzjoni meħuda mill-Unjoni għandha tkun komplimentari għall-azzjoni meħuda mill-Istati Membri jew tfittex li tikkontribwixxi għal dik l-azzjoni. Sabiex jiġi żgurat valur miżjud sinifikanti, is-sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandha tissaħħaħ permezz ta' arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' diversi tipi ta' msieħba b'attenzjoni sħiħa għall-kompetenzi istituzzjonali tal-Istati Membri. Għandha tingħata attenzjoni partikolari sabiex tiġi żgurata rappreżentanza adegwata għan-nisa u għall-gruppi ta' minoranza. Din is-sħubija tikkonċerna l-awtoritajiet reġjonali, lokali u pubbliċi oħrajn, kif ukoll korpi xierqa oħrajn, inklużi dawk responsabbli għall-ambjent u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali **fil-livelli kollha tal-governanza** u korpi kompetenti oħrajn. L-imsieħba kkonċernati għandhom jiġu involuti fit-tnejjija tal-Kuntratti ta' Sħubija, kif ukoll fit-tnejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-ippogrammar.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

(34) Konxju **mill-preżenza dgħajfa tas-sajjieda** kostali fuq skala żgħira fid-djalogu soċjali, il-FEMS għandu jappoġġja lill-organizzazzjonijiet li jipromwovu dan id-djalogu fil-fora xierqa.

Emenda

(34) Konxju **mill-ħtieġa dejjem akbar li jiġu rappreżentati s-sajjieda** kostali fuq skala żgħira **kif ukoll tipi oħra ta' sajd** fid-djalogu soċjali, il-FEMS għandu jappoġġja lill-organizzazzjonijiet li jipromwovu dan id-djalogu fil-fora xierqa.

Ġustifikazzjoni

Il-ħtieġa ta' rappreżentanza xierqa fid-djalogu soċjali tikkonċerna s-sajjieda kollha tas-sajd Ewropew. Dan l-approċċ globali huwa indispensabbli.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) Konxju mill-potenzjal li **toffri** d-diversifikazzjoni għal sajjieda tal-kosta fuq skala żgħira u r-rwol kruċjali tagħhom fil-komunitajiet kostali, il-FEMS għandu jgħin **id-diversifikazzjoni** billi jkopri l-ftuħ ta' negozji u l-investimenti għal rinnovazzjonijiet tal-bastimenti tagħhom, minbarra t-taħriġ relevanti sabiex jiksbu ħiliet professjonali **fil-qasam relevanti barra mill-attivitajiet ta' sajd**.

Emenda

(35) Konxju mill-potenzjal li **joffru l-versatilità tal-impjiegi** u d-diversifikazzjoni, **kif definit fl-Artikolu 3**, għal sajjieda tas-sajd kostali fuq skala żgħira u r-rwol kruċjali tagħhom fil-komunitajiet kostali, il-FEMS għandu **jgħinhom jiddiversifikaw l-attivitajiet** tagħhom billi jkopri l-ftuħ ta' negozji u l-investimenti għal rinnovazzjonijiet tal-bastimenti tagħhom, minbarra t-taħriġ relevanti sabiex jiksbu ħiliet professjonali **adegwati**.

Ġustifikazzjoni

L-Unjoni Ewropea ma tantx tappoġġja u tħeġġeġ il-versatilità fl-attivitajiet tas-sajd, minkejja li din hija għażla li tista' tippermetti lin-negozji biex isaħħu l-fatturat tagħhom u jikkontribwixxu għal ġestjoni bbilanċjata tar-riżorsi, filwaqt li jibqgħu b'mod sħiħ fis-settur tas-sajd. F'każ ta' kriżi, din il-versatilità se ssaħħaħ b'mod konsiderevoli r-reżiljenza tan-negozji f'każ ta' inċertezzi tas-suq jew marbuta mar-riżorsi.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) Konxju mill-potenzjal li toffri d-diversifikazzjoni għal sajjieda tal-kosta fuq skala żgħira u r-rwol kruċjali tagħhom fil-komunitajiet kostali, il-FEMS għandu jgħin id-diversifikazzjoni billi jkopri l-ftuħ ta' negozji u l-investimenti għal rinnovazzjonijiet tal-bastimenti tagħhom, minbarra t-taħriġ relevanti sabiex jiksbu ħiliet professjonali fil-qasam relevanti barra mill-attivitajiet ta' sajd.

Emenda

(35) Konxju mill-potenzjal li toffri d-diversifikazzjoni għal sajjieda tal-kosta fuq skala żgħira u r-rwol kruċjali tagħhom fil-komunitajiet kostali, il-FEMS għandu jgħin id-diversifikazzjoni ***fl-attivitajiet tas-sajd u anċillari*** billi jkopri l-ftuħ ta' negozji u l-investimenti għal rinnovazzjonijiet tal-bastimenti tagħhom, minbarra t-taħriġ relevanti sabiex jiksbu ħiliet professjonali fil-qasam relevanti barra attivitajiet oħrajn ta' sajd.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Sabiex jindirizza l-ħtiġijiet tas-saħħa u s-sigurtà abbord, il-FEMS għandu jappoġġja l-investimenti li jkopru s-sigurtà u l-iġjene abbord.

Emenda

(36) Sabiex jindirizza l-ħtiġijiet tas-saħħa u s-sigurtà abbord, il-FEMS għandu jappoġġja l-investimenti li jkopru s-sigurtà u l-iġjene abbord ***kif ukoll it-tiġib fil-kundizzjonijiet tal-għajxien.***

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) L-għan tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa li tiżgura użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut. Il-kapaċità żejda ġiet identifikata bħala kawża ewlenija ta' sajd żejded. Għaldaqstant, huwa ta' importanza kbira li l-flotta tas-sajd tal-Unjoni tiġi adattata għar-riżorsi disponibbli. ***It-***

Emenda

(39) L-għan tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa li tiżgura użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut. Il-kapaċità żejda ġiet identifikata bħala kawża ewlenija ta' sajd żejded. Għaldaqstant, huwa ta' importanza kbira li l-flotta tas-sajd tal-Unjoni tiġi adattata għar-riżorsi disponibbli. ***Sabiex***

tneħħija tal-kapaċità żejda permezz ta' għajnuna pubblika bħal waqfien temporanju jew permanenti u skemi ta' skrappjar uriet li hija ineffettiva.

Għaldaqstant, il-FEMS se jappoġġja s-sistemi ta' stabbiliment u ġestjoni ta' sistemi ta' konċessjonijiet ta' sajd trasferibbli li għandhom l-għan li jnaqqsu l-kapaċità żejda u jżidu l-prestazzjoni ekonomika u l-profitabbiltà tal-operaturi kkonċernati.

jintlaħaq dan l-objettiv, għandha tinżamm l-għajnuna pubblika għal sospensjoni temporanja u skemi ta' waqfien permanenti u skrappjar. Barra minn

hekk, il-FEMS se jappoġġja s-sistemi ta' stabbiliment u ġestjoni ta' sistemi ta' konċessjonijiet ta' sajd trasferibbli li għandhom l-għan li jnaqqsu l-kapaċità żejda u jżidu l-prestazzjoni ekonomika u l-profitabbiltà tal-operaturi kkonċernati.

Ġustifikazzjoni

L-għajnuniet għall-waqfien permanenti jew temporanju servew biex inaqqsu l-kapaċità tal-flotta Ewropea. Din l-għajnuna tgħin ukoll biex tnaqqas l-effetti soċjali u ekonomiċi ta' sitwazzjonijiet kritiċi fis-settur, għalhekk ma jkunx xieraq li tiġi rtirata.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni

(41) Huwa ta' importanza kbira li t-tħassib ambjentali jiġi integrat fil-FEMS u li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni taħt il-PKS, filwaqt li madanakollu, jiġu kkunsidrati d-diversi kundizzjonijiet fost l-ibħra tal-Unjoni. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li jiġi żviluppat approċċ reġjonalizzat għall-miżuri ta' konservazzjoni.

Emenda

(41) Huwa ta' importanza kbira li t-tħassib ambjentali jiġi integrat fil-FEMS u li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni taħt il-PKS, filwaqt li madanakollu, jiġu kkunsidrati d-diversi kundizzjonijiet fost l-ibħra tal-Unjoni. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li jiġi żviluppat approċċ reġjonalizzat għall-miżuri ta' konservazzjoni, ***permezz tal-adozzjoni ta' approċċ multiannwali għall-ġestjoni tas-sajd, li jagħti prijorità lill-istabbiliment ta' pjanijiet multiannwali li jirriflettu l-karatteristiċi bijoloġiċi speċifiċi tal-ispeċi differenti u n-natura speċifika ta' kull settur tas-sajd.***

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

(43) F'konformità **mal-projbizzjoni** tar-rimi *introdotta* mill-PKS, il-FEMS għandu jappoġġja l-investimenti abbord li għandhom l-għan li jagħmlu l-aħjar użu mill-ħut maqbud mhux mixtieq u li jivvalorizzaw il-komponenti li ma jintużawx wisq tal-ħut maqbud. Meta wieħed iqis l-iskarsità tar-riżorsi, sabiex jiġi massimizzat il-valur tal-ħut maqbud, il-FEMS għandha tappoġġja wkoll l-investimenti abbord li għandhom l-għan li jżidu l-valur kummerċjali għall-ħut maqbud.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni

(44) Konxju mill-importanza tal-portijiet tas-sajd, is-siti ta' żbark **u l-postijiet** ta' kenn, il-FEMS għandu jappoġġja l-investimenti rilevanti b'mod partikolari sabiex iżid l-effiċjenza enerġetika, il-protezzjoni ambjentali, il-kwalità tal-prodott imniżżel l-art kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' sikurezza u tax-xogħol.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni

(48) Forom ġodda ta' dħul flimkien ma'

Emenda

(43) F'konformità **mat-tnaqqis progressiv** tar-rimi *introdott* mill-PKS, il-FEMS għandu jappoġġja l-investimenti abbord li għandhom l-għan li jagħmlu l-aħjar użu mill-ħut maqbud mhux mixtieq u li jivvalorizzaw il-komponenti li ma jintużawx wisq tal-ħut maqbud. Meta wieħed iqis l-iskarsità tar-riżorsi, sabiex jiġi massimizzat il-valur tal-ħut maqbud, il-FEMS għandha tappoġġja wkoll l-investimenti abbord li għandhom l-għan li jżidu l-valur kummerċjali għall-ħut maqbud.

Emenda

(44) Konxju mill-importanza tal-portijiet tas-sajd, is-siti ta' żbark, **il-postijiet** ta' kenn **u l-pixkeriji**, il-FEMS għandu jappoġġja l-investimenti rilevanti b'mod partikolari sabiex iżid l-effiċjenza enerġetika, il-protezzjoni ambjentali, il-kwalità tal-prodott imniżżel l-art kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' sikurezza u tax-xogħol.

attivitajiet tal-akkwakultura diġà wrew il-valur miżjud tagħhom għall-iżvilupp tan-negozju. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja dawn l-attivitajiet komplimentari barra l-akkwakultura, bħat-turiżmu tas-sajd bil-qasba u l-attivitajiet edukattivi jew ambjentali.

Emenda 19

Proposta għal regolament

Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni

(49) Forma importanti oħra ta' kif jiżdied id-dħul tal-impriżi tal-akkwakultura hija li dawn iżidu l-valur lill-prodotti tagħhom billi jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw il-produzzjoni tagħhom stess, kif ukoll billi jintroduċu speċi ġodda bi prospetti tajbin fis-suq u b'hekk jiddiversifikaw il-produzzjoni tagħhom.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni

(54) Fid-dawl tar-riskju tal-investimenti fl-attivitajiet tal-akkwakultura, il-FEMS għandu jikkontribwixxi għas-sigurtà tan-negozju billi jkopri l-aċċess għall-assigurazzjoni fuq il-popolazzjoni u għalhekk jissalvagwardja d-dħul tal-produtturi f'każ ta' telf anormali fil-produzzjoni, b'mod partikolari minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi ħżiena, bidliet f'daqqa fil-kwalità tal-ilma, mard jew infestazzjonijiet minn insetti u l-querda tal-faċilitajiet tal-produzzjoni.

attivitajiet tal-akkwakultura diġà wrew il-valur miżjud tagħhom għall-iżvilupp tan-negozju. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja dawn l-attivitajiet komplimentari barra l-akkwakultura, bħat-turiżmu tas-sajd bil-qasba u l-attivitajiet edukattivi, **ta' promozzjoni** jew ambjentali.

Emenda

(49) Forma importanti oħra ta' kif jiżdied id-dħul tal-impriżi tal-akkwakultura hija li dawn iżidu l-valur lill-prodotti tagħhom billi jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw il-produzzjoni tagħhom stess, kif ukoll billi jintroduċu speċi ġodda **bijoloġikament kompatibbli mal-ispeċi eżistenti** bi prospetti tajbin fis-suq u b'hekk jiddiversifikaw il-produzzjoni tagħhom.

Emenda

(54) Fid-dawl tar-riskju tal-investimenti fl-attivitajiet tal-akkwakultura, il-FEMS għandu jikkontribwixxi għas-sigurtà tan-negozju billi jkopri l-aċċess għall-assigurazzjoni fuq il-popolazzjoni u għalhekk jissalvagwardja d-dħul tal-produtturi f'każ ta' telf anormali fil-produzzjoni, b'mod partikolari minħabba diżastri naturali, **tixrid taż-żejt u trattament tal-ilma komprensiv inadegwat jew ineżistenti**, avvenimenti klimatiċi ħżiena, bidliet f'daqqa fil-kwalità tal-ilma, mard jew infestazzjonijiet minn insetti, **spejjeż li jirriżultaw mill-ġbir u l-querda tal-**

annimali li jkunu mietu fil-farm u l-qerda tal-faċilitajiet tal-produzzjoni.

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni

(56) Fiż-żoni tas-sajd, l-iżvilupp immexxi mill-komunità għandu jinkoraġġixxi lill-istrateġiji innovattivi biex joħolqu t-*tkabbir* u l-impjiegi, b'mod partikolari billi jżidu l-valur lill-prodotti tas-sajd u jiddiversifikaw l-ekonomija lokali lejn attivitajiet ekonomiċi *ġodda, inklużi dawk offruti minn tkabbir marittimu ("blue growth") u s-setturi marittimi usa'*.

Emenda

(56) Fiż-żoni tas-sajd *u tal-akkwakultura*, l-iżvilupp immexxi mill-komunità għandu jinkoraġġixxi lill-istrateġiji innovattivi biex joħolqu t-*tkabbir* u l-impjiegi, b'mod partikolari billi jżidu l-valur tal-prodotti tas-sajd *u tal-akkwakultura* u jiddiversifikaw l-ekonomija lokali, fejn xieraq, lejn attivitajiet ekonomiċi *oħra fis-settur tas-sajd, filwaqt li jinżammu u jissaħħu l-impjiegi u n-negozji tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura lokali bl-għan li fuq il-kosta jitħares settur primarju dinamiku*.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni

(61) Sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà tas-sajd u tal-akkwakultura f'suq kompetittiv ħafna, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura] kif ukoll għall-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u pproċessar imwettqa mill-operaturi sabiex jimmassimizzaw il-valur tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-promozzjoni tal-operazzjonijiet li jintegraw l-attivitajiet tal-produzzjoni, l-ipproċessar u l-

Emenda

(61) Sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà tas-sajd u tal-akkwakultura f'suq kompetittiv ħafna, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura] kif ukoll għall-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u pproċessar imwettqa mill-operaturi sabiex jimmassimizzaw il-valur tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-promozzjoni tal-operazzjonijiet li jintegraw l-attivitajiet tal-produzzjoni, l-ipproċessar u l-

kummerċjalizzazzjoni tal-katina tal-provvista. Sabiex jadatta għall-politika ġdida ta' **projbizzjoni fuq ir-rimi**, il-FEMS għandu jappoġġja wkoll l-ipproċessar ta' qabdiet mhux mixtieqa.

kummerċjalizzazzjoni tal-katina tal-provvista. Sabiex jadatta għall-politika ġdida ta' **tnaqqis tar-rimi**, il-FEMS għandu jappoġġja wkoll l-ipproċessar ta' qabdiet mhux mixtieqa.

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni

(62) Għandha tingħata prijorità lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi billi dawn jingħataw appoġġ. Il-kumpens għall-għajjnuna għall-ħżin u l-għajjnuna għall-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni **għandhom jiġu eliminati b'mod gradwali hekk kif l-importanza ta' tip partikolari ta' appoġġ tilef l-interess tiegħu fid-dawl tal-istruttura li qed tevolvi tas-suq tal-Unjoni għal dawn it-tip ta' prodotti u l-importanza li qed tikber ta' organizzazzjonijiet b'saħħithom ta' produtturi.**

Emenda

(62) Għandha tingħata prijorità lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi billi dawn jingħataw appoġġ. Il-kumpens għall-għajjnuna għall-ħżin u l-għajjnuna għall-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni **għandu jkompli.**

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni

(63) Billi jirrikonoxxi l-kompetizzjoni li qed tikber li s-sajjieda kostali ta' skala żgħira qed ikollhom jaffaċċjaw, il-FEMS għandu jappoġġja inizjattivi imprenditorjali ta' sajjieda kostali fuq skala żgħira li jżidu l-valur għall-ħut li jaqbd, b'mod partikolari billi jwettqu l-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni diretta tal-ħut li jaqbd.

Emenda

(63) Billi jirrikonoxxi l-kompetizzjoni li qed tikber li s-sajjieda kostali ta' skala żgħira qed ikollhom jaffaċċjaw **u d-dipendenza ta' ċerti komunitajiet kostali fuq is-sajd**, il-FEMS għandu jappoġġja inizjattivi imprenditorjali ta' sajjieda kostali fuq skala żgħira li jżidu l-valur għall-ħut li jaqbd, b'mod partikolari billi jwettqu l-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni diretta tal-ħut li

jaqbd.

Emenda 25

Proposta għal regolament Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni

(64) L-attivitajiet tas-sajd fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni Ewropea qegħdin jaffaċċjaw diffikultajiet, b' mod partikolari minħabba l-ispejjeż addizzjonali mġarrba fil-kummerċjalizzazzjoni ta' *ċerti* prodotti tas-sajd, minħabba n-nuqqasijiet partikolari rikonoxxuti mill-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

(64) L-attivitajiet tas-sajd fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni Ewropea qegħdin jaffaċċjaw diffikultajiet, b' mod partikolari minħabba l-ispejjeż addizzjonali ***ta' produzzjoni, ta' pproċessar u ta' kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura***, minħabba n-nuqqasijiet partikolari rikonoxxuti mill-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 26

Proposta għal regolament Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni

(65) Sabiex iżżomm il-kompetittività ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni Ewropea mqabbla ma' dik ta' prodotti simili minn reġjuni oħrajn tal-Unjoni Ewropea, fl-1992 l-Unjoni Ewropea introduċiet miżuri biex tikkumpensa għall-ispejjeż addizzjonali relatati fis-settur tas-sajd. Il-miżuri li japplikaw għall-perjodu 2007-2013 huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 791/2007. Huwa neċessarju li jkompli jiġi pprovdut appoġġ sabiex jittaffew l-ispejjeż addizzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd mill-1 ta' Jannar 2014.

Emenda

(65) Sabiex iżżomm il-kompetittività ta' ċerti prodotti tas-sajd ***u tal-akkwakultura*** mir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni Ewropea mqabbla ma' dik ta' prodotti simili minn reġjuni oħrajn tal-Unjoni Ewropea, fl-1992 l-Unjoni Ewropea introduċiet miżuri biex tikkumpensa għall-ispejjeż addizzjonali relatati fis-settur tas-sajd. Il-miżuri li japplikaw għall-perjodu 2007-2013 huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 791/2007. Huwa neċessarju li jkompli jiġi pprovdut appoġġ sabiex jittaffew l-ispejjeż addizzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd mill-1 ta' Jannar 2014. ***Huwa neċessarju li jikber l-appoġġ mogħti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 791/2007, b'effett mill-1 ta' Jannar 2014, biex jiġu kkompensati***

***l-ispejjeż addizzjonali għall-produzzjoni, l-
ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-
prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura
għall-esportazzjoni, lejn is-suq
Komunitarju jew fis-suq lokali.***

Emenda 27

Proposta għal regolament Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni

(66) Fid-dawl tal-kondizzjonijiet ***tal-kummerċjalizzazzjoni*** differenti fir-reġjuni l-aktar imbiegħda kkonċernati, *il-varjazzjonijiet* fil-qbid u l-ħażniet u fid-domandi tas-suq, għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri kkonċernati biex jiddeterminaw il-prodotti tas-sajd eliġibbli għal kumpens, il-kwantitajiet massimi rispettivi tagħhom u l-ammonti ta' kumpens fl-allokkazzjoni globali għal kull Stat Membru.

Emenda

(66) Fid-dawl tal-kondizzjonijiet differenti ***ta' produzzjoni, ta' pproċessar u ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura*** fir-reġjuni l-aktar imbiegħda kkonċernati, *u l-varjazzjonijiet* fil-qbid u l-ħażniet u fid-domandi tas-suq, għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri kkonċernati biex jiddeterminaw il-prodotti jew il-kategoriji ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura ***jew kategoriji ta' prodotti*** eliġibbli għal kumpens, il-kwantitajiet massimi rispettivi tagħhom u l-ammonti ta' kumpens fl-allokkazzjoni globali għal kull Stat Membru.

Emenda 28

Proposta għal regolament Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni

(68) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ammont ta' kumpens f'livell li jippermetti t-tpaċija xierqa tal-ispejjeż addizzjonali, li jirriżultaw min-nuqqasijiet speċifiċi tar-reġjuni l-aktar imbiegħda ***u b'mod partikolari mill-ispejjeż tat-trasportazzjoni tal-prodotti lejn l-Ewropa kontinentali***. Sabiex jiġi evitat kumpens eċċessiv, l-ammont għandu jkun proporzjonali għall-ispejjeż addizzjonali li tpatti għalihom l-għajnuna u fl-ebda każ

Emenda

(68) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ammont ta' kumpens f'livell li jippermetti t-tpaċija xierqa tal-ispejjeż addizzjonali, li jirriżultaw min-nuqqasijiet speċifiċi tar-reġjuni l-aktar imbiegħda. Sabiex jiġi evitat kumpens eċċessiv, l-ammont għandu jkun proporzjonali għall-ispejjeż addizzjonali li tpatti għalihom l-għajnuna u fl-ebda każ ma jaqbeż il-100 % tal-ispejjeż tat-trasport u spejjeż oħrajn relatati għall-Ewropa kontinentali. Għal

ma jaqbeż il-100 % tal-ispejjeż tat-trasport u spejjeż oħrajn relatati għall-Ewropa kontinentali. Għal dan il-għan, huwa għandu jikkunsidra wkoll tipi oħrajn ta' interventi pubbliċi li jħallu impatt fuq il-livell ta' spejjeż addizzjonali.

dan il-għan, huwa għandu jikkunsidra wkoll tipi oħrajn ta' interventi pubbliċi li jħallu impatt fuq il-livell ta' spejjeż addizzjonali.

Ġustifikazzjoni

Id-disponibilità tal-għajjnuna m'għandhiex tillimita l-kummerċ bejn ir-reġjuni l-aktar imbiegħda.

Emenda 29

Proposta għal regolament Premessa 69a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(69a) Il-miżuri speċifiċi applikati għar-reġjuni l-aktar imbiegħda rriżultaw li kienu utli ħafna biex jikkumpensaw għall-iżvantaġġi li jbatu minnhom dawn il-gżejjer. Fid-dawl tal-perjodu li jmiss ta' pprogrammar finanzjarju, għandhom jiġu kkunsidrati bir-reqqa miżuri simili għal dawk il-gżejjer tal-UE li jkunu simili għar-reġjuni li fihom dawn l-istrumenti tal-politika agrikola wrew l-effikaċja kbira,

Emenda 30

Proposta għal regolament Premessa 79

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(79) L-interkonnessjoni ta' ċerti sistemi ta' informazzjoni mmexxija minn dawk is-setturi tista' tkun teħtieġ il-mobilizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' finanzjament tagħhom b'mod konsistenti u skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat. L-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata taż-żoni kostali huma essenzjali għall-

(79) L-interkonnessjoni ta' ċerti sistemi ta' informazzjoni mmexxija minn dawk is-setturi tista' tkun teħtieġ il-mobilizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' finanzjament tagħhom b'mod konsistenti u skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat. L-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata taż-żoni kostali huma essenzjali għall-

iżvilupp sostenibbli taż-żoni marittimi u r-reġjuni kostali u t-tnejn li huma jikkontribwixxu għall-għanijiet ta' ġestjoni bbażati fuq l-ekosistemi u l-iżvilupp ta' rabtiet bejn l-art u l-baħar. Dawn l-għodod huma importanti wkoll għall-ġestjoni tal-użi differenti tal-kosti, l-ibħra u l-oċeani tagħna sabiex ikun hemm lok għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tagħhom u biex jiġi stimolat l-investment transkonfinali, filwaqt li l-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima se tiddefinixxi ulterjorment il-limiti ta' sostenibbiltà tal-attivitajiet tal-bniedem li jħallu impatt fuq l-ambjent marittimu. Barra minn hekk, jeħtieġ li jittejjeb l-għarfien dwar id-dinja tal-baħar, u li tiġi stimolata l-innovazzjoni permezz tal-iffaċilitar tal-ġbir, it-tqassim b'xejn, l-użu mill-ġdid u t-tixrid tad-dejta dwar l-istat tal-oċeani u l-ibħra.

iżvilupp sostenibbli taż-żoni marittimi u r-reġjuni kostali u t-tnejn li huma jikkontribwixxu għall-għanijiet ta' ġestjoni bbażati fuq l-ekosistemi u l-iżvilupp ta' rabtiet bejn l-art u l-baħar. Dawn l-għodod huma importanti wkoll għall-ġestjoni tal-użi differenti tal-kosti, l-ibħra u l-oċeani tagħna sabiex ikun hemm lok għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tagħhom u biex jiġi stimolat l-investment transkonfinali, filwaqt li l-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima se tiddefinixxi ulterjorment il-limiti ta' sostenibbiltà tal-attivitajiet tal-bniedem li jħallu impatt fuq l-ambjent marittimu. Barra minn hekk, jeħtieġ li jittejjeb l-għarfien dwar id-dinja tal-baħar, u li tiġi stimolata l-innovazzjoni permezz tal-iffaċilitar tal-ġbir, it-tqassim b'xejn, l-użu mill-ġdid u t-tixrid tad-dejta dwar l-istat tal-oċeani u l-ibħra ***u l-istat tas-setturi tas-sajd, billi jsiru disponibbli għall-utenti finali u l-pubbliku ġenerali.***

Emenda 31

Proposta għal regolament

Premessa 84

Test propost mill-Kummissjoni

(84) Permezz ta' assistenza teknika, il-FEMS għandu jipprovdi appoġġ preparatorju, amministrattiv u tekniku, kif ukoll appoġġ għall-miżuri ta' informazzjoni, in-netwerking, l-evalwazzjonijiet, il-verifiki, l-istudji u l-iskambji ta' esperjenza sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali u għall-promozzjoni ta' strateġiji u prattiċi innovattivi għal implimentazzjoni sempliċi u trasparenti. L-assistenza teknika għandha tinkludi wkoll it-twaqqif ta' netwerk Ewropew ta' Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd immirat lejn il-bini tal-kapaċità, it-tixrid tal-informazzjoni, l-iskambju tal-

Emenda

(84) Permezz ta' assistenza teknika, il-FEMS għandu jipprovdi appoġġ preparatorju, amministrattiv u tekniku, kif ukoll appoġġ għall-miżuri ta' informazzjoni, in-netwerking, l-evalwazzjonijiet, il-verifiki, l-istudji u l-iskambji ta' esperjenza sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali u għall-promozzjoni ta' strateġiji u prattiċi innovattivi għal implimentazzjoni sempliċi u trasparenti, ***inkluż favur l-operaturi u l-organizzazzjonijiet tas-sajjeda.*** L-assistenza teknika għandha tinkludi wkoll it-twaqqif ta' netwerk Ewropew ta' Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd immirat lejn il-

esperjenza u l-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn is-sħubiji lokali.

bini tal-kapaċità, it-tixrid tal-informazzjoni, l-iskambju tal-esperjenza u l-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn is-sħubiji lokali.

Emenda 32

Proposta għal regolament Premessa 88

Test propost mill-Kummissjoni

(88) Konxji mill-importanza tal-iżgurar tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-protezzjoni tal-istokkijiet tal-ħut, b'mod partikolari mis-sajd illegali u fl-ispirtu tal-konklużjonijiet magħmula fil-Green Paper dwar ir-Riforma tal-PKS, dawk l-operaturi li ma jkunux konformi mar-regoli tal-PKS, b'mod partikolari dawk li jipperikolaw is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati u li għalhekk jikkostitwixxu theddid serju għall-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar fil-livell *tal-MSY* li jirrestawraw u jħarsu l-popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda *'l fuq mil-livelli li jistgħu joħlqu l-MSY* u dawk li huma involuti fis-sajd tal-IUU għandhom jiġu esklużi mill-appoġġ fil-kuntest tal-FEMS. Il-finanzjament tal-Unjoni fl-ebda stadju mill-għażla għall-implimentazzjoni ta' operazzjoni ma għandu jintuża biex ixekkel l-interess pubbliku ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar espress fl-għanijiet tar-Regolament tal-PKS.

Emenda 33

Proposta għal regolament Premessa 93

Test propost mill-Kummissjoni

(93) Ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw l-impenji u l-pagamenti għandhom jiġu ssimplifikati sabiex tkun żgurata likwidità

Emenda

(88) Konxji mill-importanza tal-iżgurar tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-protezzjoni tal-istokkijiet tal-ħut, b'mod partikolari mis-sajd illegali u fl-ispirtu tal-konklużjonijiet magħmula fil-Green Paper dwar ir-Riforma tal-PKS, dawk l-operaturi li ma jkunux konformi mar-regoli tal-PKS, b'mod partikolari dawk li jipperikolaw is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati u li għalhekk jikkostitwixxu theddid serju għall-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar fil-livell *tar-RMS* li jirrestawraw u jħarsu l-popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda *f'livelli qrib ir-RMS* u dawk li huma involuti fis-sajd tal-IUU għandhom jiġu esklużi mill-appoġġ fil-kuntest tal-FEMS. Il-finanzjament tal-Unjoni fl-ebda stadju mill-għażla għall-implimentazzjoni ta' operazzjoni ma għandu jintuża biex ixekkel l-interess pubbliku ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar espress fl-għanijiet tar-Regolament tal-PKS.

regolari. Prefinanzjament ta' 4 % tal-kontribuzzjoni mill-FEMS għandu jgħin sabiex titħaffef l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali.

regolari. Prefinanzjament ta' 7 % tal-kontribuzzjoni mill-FEMS għandu jgħin sabiex titħaffef l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd **u s-sajd** f'ilmijiet interni,

Emenda

(c) l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd, **is-sajd u l-akkwakultura** f'ilmijiet interni,

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) 'żona tas-sajd' tfisser żona b'xatt tal-baħar jew **ta'** lag jew li tinkludi għadajjar jew estwarju ta' xmara b'livell sinifikanti ta' impjieġ fis-settur tas-sajd jew tal-akkwakultura u magħżula bħala tali mill-Istat Membru;

Emenda

(5) 'żona tas-sajd **u tal-akkwakultura**' tfisser żona b'xatt tal-baħar, **xmara** jew **lag** jew li tinkludi għadajjar jew estwarju ta' xmara b'livell sinifikanti ta' impjieġ fis-settur tas-sajd jew tal-akkwakultura u magħżula bħala tali mill-Istat Membru;

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni tal-Kummissjoni ma tikkunsidrax l-attività tal-akkwakultura tal-ilma ħelu li titwettag fix-xmajjar, bħal pereżempju l-farming tat-troti.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) 'sajjed' tfisser kwalunkwe persuna involuta f'sajd professjonali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru, abbord bastiment operattiv tas-sajd jew involuta fir-rakkolta professjonali ta' organiżmi tal-baħar, kif

Emenda

(6) 'sajjed' tfisser kwalunkwe persuna involuta f'sajd professjonali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru, abbord bastiment operattiv tas-sajd jew involuta **fit-trobbija** jew fir-rakkolta professjonali ta' organiżmi

rikonoxxut mill-Istat Membru, mingħajr bastiment;

tal-baħar, kif rikonoxxut mill-Istat Membru, mingħajr bastiment;

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) "Politika Marittima Integrata" (PMI) tfisser politika tal-Unjoni li l-għan tagħha huwa li ***trawwem*** teħid ta' deċiżjonijiet ***koordinat u konsistenti sabiex jiġi massimizzat l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tal-Istati Membri, u b'mod partikolari r-reġjuni*** kostali, ***insulari*** u l-aktar imbiegħda ***tal-Unjoni, kif ukoll is-setturi marittimi, permezz ta' politki konsistenti relatati mas-settur marittimu u kooperazzjoni internazzjonali rilevanti;***

Emenda

7) "Politika Marittima Integrata" (PMI) tfisser politika tal-Unjoni li l-għan tagħha huwa li ***tistabbilixxi u timplimenta proċedura*** ta' teħid ta' deċiżjonijiet ***integrata, koerenti, trasparenti u sostenibbli għall-oċeani, u ibħra f'reġjuni*** kostali, ***gżejjer*** u ***reġjuni*** l-aktar imbiegħda ***u għas-setturi marittimi;***

Ġustifikazzjoni

Din id-definizzjoni hija konformi ma' dik stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2007 dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) 'proġetti kollettivi' tfisser azzjonijiet ta' interess komuni implimentati b'mod kollettiv mill-istess operaturi jew mill-organizzazzjonijiet li jaġixxu f'isem il-produtturi, jew minn organizzazzjonijiet oħra rikonoxxuti mill-Istat Membru, u li għandhom l-għan li b'mod aktar partikolari:

(a) jikkontribwixxu b'mod sostenibbli għal ġestjoni jew konservazzjoni aħjar

tar-riżorsi;

(b) jippromwovu metodi jew irkaptu tas-sajd selettivi u t-tnaqqis ta' qabdiet inċidentali;

(c) ineħħu rkaptu tas-sajd mitluf minn qiegħ il-baħar sabiex jingħeleb is-sajd inviżibbli;

(d) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-sigurtà;

(e) jikkontribwixxu għat-trasparenza tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura inkluż fil-qafas tat-traċċabbiltà;

(f) itejbu l-kwalità u s-sigurtà tal-oġġetti tal-ikel;

(g) jiżviluppaw, jirristrutturaw jew itejbu s-siti tal-akkwakultura;

(h) jagħmlu investimenti li jikkonċernaw il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tat-tagħmir u l-infrastruttura, inkluża dik għat-trattament tal-iskart;

(i) itejbu l-ħiliet professjonali, jew jiżviluppaw metodi u għodod ġodda ta' taħriġ;

(j) jippromwovu sħubija bejn ix-xjenzjati u l-operaturi fis-settur tas-sajd;

(k) jiżviluppaw in-netwerking u l-iskambju ta' esperjenza u tal-aħjar prattika fost organizzazzjonijiet li jippromwovu opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa u partijiet interessati oħra;

(l) itejbu l-ġestjoni u l-kontroll tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għal żoni tas-sajd, b'mod partikolari permezz tat-tfassil ta' pjanijiet ta' ġestjoni lokali approvati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;

(n) isaħħu l-komunikazzjoni interna u esterna fl-organizzazzjonijiet tas-sajjeda u tal-produtturi tal-akkwakultura u fl-organizzazzjonijiet tal-produtturi u

bejniethom.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 16b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16b) "Organizzazzjoni tas-sajjieda jew tal-produtturi tal-akkwakultura" tfisser organizzazzjoni professjonali rikonoxxuta mill-Istat Membru li tirrappreżenta l-interessi tas-settur tas-sajd, u li għandha l-kompitu li tamministra l-aċċess għar-riżorsi u l-attivitajiet tas-sajd professjonali u tal-akkwakultura, minbarra l-organizzazzjonijiet tal-produtturi stipulati fir-Regolament (UE) Nru.... dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura;

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) "operatur fis-settur tas-sajd": tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li topera, ikollha jew taħdem b'mod awtonomu jew f'impriża, dedikata għal attività marbuta ma' kwalunkwe fażi tal-katina tal-produtturi tal-prodotti tas-sajd.

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn ta' definizzjoni li tkopri s-settur kollu tas-sajd, sabiex jiġi kkjarifikat il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ ipprovdut skont il-leġiżlazzjoni l-ġdida li f'ħafna każijiet jistgħu jibbenefikaw minnu l-operaturi kollha, inklużi dawk li jużaw nases għat-tonn jew sajjieda li jwettqu kompiti anċillari (dawk li jagħmlu x-xbieki, dawk li jippakkjaw, eċċ).

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jippromwovi sajd u akkwakultura **sostenibbli u** kompetittivi;

Emenda

(a) jippromwovi sajd u akkwakultura kompetittivi, **li jinkludu l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni, kif ukoll is-sostenibilità ekonomika, soċjali u ambjentali ta' dawn l-oqsma;**

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur għandha l-fehma li huwa vitali li tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali u ekonomika tal-oġettivi tal-fond il-ġdid, peress li huwa importanti li jkun infakkar li s-sajd huwa kruċjali għall-prosperità ta' haġna reġjuni kostali fl-UE.

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-promozzjoni ta' żvilupp territorjali bilanċjat u inklużiv taż-żoni tas-sajd;

Emenda

(c) jippromwovi żvilupp territorjali bilanċjat u inklużiv taż-żoni tas-sajd **u tal-akkwakultura;**

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 6 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd **f'setturi oħrajn tal-ekonomija marittima u t-tkabbir tal-ekonomija marittima, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.**

Emenda

(b) id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd, **inkluża d-diversifikazzjoni fis-setturi tal-ekonomija marittima.**

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur qed tipproponi li l-prijorità proposta mill-Kummissjoni Ewropea tinqasam fi

tnejn. Min-naħa l-oħra, tqis li d-diversifikazzjoni m'għandhiex għalfejn titwettaq bilfors barra s-settur tas-sajd. L-attivitajiet tas-sajd jistgħu joffru opportunitajiet ta' xogħol li m'għandhomx jiġu injorati sistematikament.

Emenda 44

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – punt 1 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(ba) it-tkabbir tal-ekonomija marittima,
inkluż il-bidla fil-klima.***

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur qed tipproponi li l-prijorità (b) proposta mill-Kummissjoni Ewropea tinqasam fi tnejn.

Emenda 45

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – punt 1 – punt bb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda tal-KtR

***b b) l-appoġġ lis-sajjieda li qed jiffaċċjaw
waqfien definittiv u temporanju u telf
ċikliku marbuta ma' diffikultajiet mhux
prevedibbli.***

Ġustifikazzjoni

Il-FEMS għandu jikkontribwixxi għall-kumpens għal waqfien temporanju u għat-telfiet li jġarrbu s-sajjieda f'każ ta' avvenimenti esterni eċċezzjonali.

Emenda 46

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – punt 2 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(aa) it-tiġdid u l-modernizzazzjoni tal-
flotta tas-sajd;***

Ġustifikazzjoni

Huwa minnu li l-flotta Ewropea qed tiqdiem (nofs il-bastimenti għandhom aktar minn 25 sena). Dan il-fatt jippreżenta problemi kbar f'termini ta' sigurtà abbord u ta' rispett għall-ambjent marittimu. Għalhekk il-FEMS għandu jappoġġja t-tiġdid tal-flotta taħt ċerti kundizzjonijiet stretti, billi jiffinanzja s-sostituzzjoni tal-bastimenti li qdiemu b'bastimenti aktar moderni. Dawn l-investimenti ma għandhom bl-ebda mod iżidu l-kapaċità tal-bastimenti.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 6 – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) itejjeb il-kompetittività u l-vijabbiltà tas-sajd, b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira u t-titjib tas-sikurezza jew tal-kondizzjonijiet tax-xogħol;

Emenda

(b) itejjeb il-kompetittività u l-vijabbiltà tas-sajd, b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira u t-titjib tas-sikurezza jew tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, **filwaqt li titjeb il-promozzjoni ta' impjeg diċenti li jirrispetta b'mod skrupluż l-istandards tax-xogħol fil-livell Ewropew u internazzjonali, il-protezzjoni soċjali adegwata u d-djalogu soċjali;**

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 6 – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) it-tnaqqis tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar;

Emenda

(a) it-tnaqqis tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar, **bl-inkoraġġiment u l-użu ta' rkaptu aktar sostenibbli;**

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 6 – punt 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **il-forniment** ta' għarfien xjentifiku u l-

Emenda

(a) **minħabba n-nuqqas ta' indikaturi**

ġbir ta' data;

xjentifiċi dwar l-istat tas-setturi tas-sajd, kif ukoll indikaturi ekonomiċi u soċjali, huwa meħtieġ li jiġu definiti u nkoraġġiti l-forniment tal-ġharfien xjentifiku u l-ġbir ta' data;

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 13 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) il-bini ta' bastimenti tas-sajd ġodda, ***id-dekummissjonamenti*** jew l-importazzjoni ta' bastimenti tas-sajd;

(b) il-bini ta' bastimenti tas-sajd ġodda jew importazzjoni ta' bastimenti tas-sajd;

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ appoġġ għad-dekummissjonar għar-ristrutturar kontinwu tal-flotta Ewropea. Dan se jgħin sabiex ikun hemm tfassil aħjar tal-kapaċità tas-sajd għar-riżorsi disponibbli. Ir-rapport tat-Qorti tal-Awdituri dwar il-funzjonament tal-FES jirrakkomanda li titjieb l-effettività ta' dawn l-għajjuniet, imma fl-ebda każ ma jgħid li hu favur li dawn jitneħħew.

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 13 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *il-bini ta' bastimenti tas-sajd ġodda, id-dekummissjonamenti* jew l-importazzjoni ta' bastimenti tas-sajd;

(b) l-importazzjoni ta' bastimenti tas-sajd;

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 13 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) *il-waqfien temporanju mill-attivitajiet ta' sajd;*

imħassar

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ Ewropew għall-waqfien tal-attività tas-sajd ikkontribwixxa biex jiġu indirizzati s-sitwazzjonijiet kritiki filwaqt li fl-istess ħin titnaqqas l-ispiża soċjali li dan iġib miegħu.

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 13 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) is-sajd esperimentali;

imħassar

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Għal kull sena, ir-riżorsi allokatati għall-kumpens tar-reġjuni l-aktar imbiegħda taħt il-Kapitolu V tat-Titolu V, ma għandhomx jaqbżu:

EUR 4 300 000 għall-Ażores u l-Madeira;

EUR 5 800 000 għall-Gżejjer Kanarji;

EUR 4 900 000 għall-Gujana Franċiża u r-Réunion.

5. Għal kull sena, ir-riżorsi allokatati għall-kumpens tar-reġjuni l-aktar imbiegħda taħt il-Kapitolu V tat-Titolu V, ma għandhomx jaqbżu:

EUR 8,300,000 għall-Ażores u l-Madeira;

EUR 11,600,000 għall-Gżejjer Kanarji;

EUR 9,800,000 għall-Gujana Franċiża u r-Réunion.

Ġustifikazzjoni

Ir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni Ewropea qed ibatu b'mod aċċentwat mill-kriżi ekonomika, b'rati ta' qgħad li jaqbżu l-medja tal-UE. Ir-rapporteur tipproponi li jirduppraw l-ammonti maħsuba għal dawn ir-reġjuni biex wieħed jikkumpensa għall-ispejjeż għoljin li wieħed ikollu jiffaċċja bħala konsegwenza tal-fatt li huma reġjuni mbiegħda. B'kollox qed tiġi proposta żieda ta' EUR 15-il miljun li jittieħdu mill-ammonti allokatati għall-miżuri ta' ġestjoni diretta tal-FEMS. Dan jigarantixxi n-newtralità baġitarja.

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni

Ammont ta' **EUR 1,047,000,000** tal-FEMS għandu jiġi allokat għall-miżuri taħt ġestjoni diretta kif speċifikat fil-Kapitolu I u II tat-Titolu VI. L-ammont jinkludi l-assistenza teknika skont l-Artikolu 91.

Emenda

Ammont ta' **EUR 1,032,000,000** tal-FEMS għandu jiġi allokat għall-miżuri taħt ġestjoni diretta kif speċifikat fil-Kapitolu I u II tat-Titolu VI. L-ammont jinkludi l-assistenza teknika skont l-Artikolu 91.

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika fil-qosor l-ispiża tal-miżuri ta' ġestjoni diretta għax il-kwantità prevista fil-proposta tagħha tirrappreżenta perċentwal għoli ħafna (16%) tal-baġit tal-FEMS. Ir-rapporteur tqis li parti minima tal-allokkazzjoni li hija riservata għall-Kummissjoni, ta' mhux iktar minn EUR 15-il miljun, tista' tiżvija lejn il-punti maħsuba għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea, li qed ibatu mill-kriżi ekonomika attwali b'intensità iktar qawwija milli fil-bqija tal-UE.

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 19 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) fejn japplika, il-konsistenza tal-miżuri taħt il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-FEMS imsemmija fl-Artikolu 38(1d) ta' dan ir-Regolament mal-oqfsa ta' azzjoni ta' prijorità ta' Natura 2000 imsemmija fl-Artikolu 8(4) tad-[Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa].

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 19 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d ter) l-Istati Membri se jkunu jistgħu jistabbilixxu sottoprogrammi operattivi reġjonali.

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt o – punt i – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industriji tal-akkwakultura u tal-ipproċessar,

evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-akkwakultura *estensiva u intensiva, kif ukoll tal-impatt soċjali u ekonomiku tagħha, u* tal-industriji tal-ipproċessar,

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 22a

Pjan ta' azzjoni għas-sajd fuq skala żgħira u kostali

1. L-Istati Membri għandhom iżidu pjan ta' azzjoni għas-sajd fuq skala żgħira u kostali mal-programm operazzjonali tagħhom. Fir-rispett tal-obiettivi ta' dan ir-Regolament u tar-[Regolament tal-PKS], dan il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi strateġija għall-iżvilupp, il-kompetittività u s-sostenibilità tas-sajd fuq skala żgħira u kostali.

2. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-pjan ta' azzjoni msemmi fil-paragrafu 1 flimkien mal-programm operazzjonali, skont l-Artikolu 21.

Ġustifikazzjoni

Is-sajd fuq skala żgħira u kostali għandu rwol fundamentali għall-għajxien taż-żoni kostali. Il-FEMS għalhekk għandu jappoġġja l-iżvilupp, il-kompetittività u s-sostenibilità ta' dan is-sajd. L-emenda tipproponi li kull Stat Membru jżid mal-programm operazzjonali tiegħu, pjan ta' azzjoni li juri l-miżuri implimentati għal dan il-għan.

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni fis-sajd il-FEMS jista' jappoġġja proġetti li għandhom l-għan li jiżviluppaw jew jintroduċu prodotti ġodda jew sostanzjalment imtejba meta mqabbla mal-qagħda attwali, proċessi ġodda jew imtejba, sistemi ta' ġestjoni u organizzazzjoni ġodda jew imtejba.

Emenda

1. Sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni fis-sajd il-FEMS jista' jappoġġja proġetti li għandhom l-għan li:

– jiżviluppaw jew jintroduċu prodotti ġodda jew sostanzjalment imtejba meta mqabbla mal-qagħda attwali, proċessi ġodda jew imtejba, sistemi ta' ġestjoni u organizzazzjoni ġodda jew imtejba.

– ***jippromwovu t-tixrid u l-użu ekonomiku u kummerċjali tar-riżultati tar-riċerka u tal-innovazzjoni.***

Ġustifikazzjoni

Il-FEMS għandu jkun jista' jinkludi l-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija Ewropa 2020 u b'mod partikolari t-titjib tal-kundizzjonijiet ta' riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u tal-innovazzjoni.

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) l-inklużjoni taż-żgħażaġh fil-professjoni permezz ta' appoġġ għall-bidu tal-prattika ta' sajd kostali fuq skala

żgħira u għat-tiġdid tal-ġenerazzjonijiet, b'mod partikolari permezz ta' sistemi ta' trażmissjoni tan-negozji;

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-promozzjoni tad-djalogu soċjali fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali li jinvolvi *s-sajjieda* u partijiet interessati rilevanti oħrajn.

Emenda

(c) il-promozzjoni tad-djalogu soċjali fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali li jinvolvi *lil operaturi mis-settur tas-sajd* u partijiet interessati rilevanti oħrajn.

Ġustifikazzjoni

L-objettiv tal-emenda hu li fost il-benefiċjarji jiddaħħlu s-sajjieda li jużaw in-nases u gruppi oħra tas-settur tas-sajd, bħal min jippakkja u min jaħdem ix-xbieki, li l-attivitajiet tagħhom huma esklużi mid-definizzjoni ta' "sajjieda".

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata wkoll lil konjugi ta' *sajjieda* li jaħdmu għal rashom jew, meta u sakemm ikunu rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali, l-imsieħba fil-ħajja ta' *sajjieda* li jaħdmu għal rashom, li ma jkunux impjegati jew imsieħba fin-negozju, fejn abitwalment u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali, huma jipparteċipaw fl-attivitajiet tas-sajjieda li jaħdmu għal rashom jew li jwettqu kompiti anċillari.

Emenda

2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata wkoll lil konjugi ta' *operaturi tas-settur tas-sajd* li jaħdmu għal rashom jew, meta u sakemm ikunu rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali, l-imsieħba fil-ħajja ta' *operaturi tas-settur tas-sajd* li jaħdmu għal rashom, li ma jkunux impjegati jew imsieħba fin-negozju, fejn abitwalment u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali, huma jipparteċipaw fl-attivitajiet tas-sajjieda li jaħdmu għal rashom jew li jwettqu kompiti anċillari.

Ġustifikazzjoni

L-objettiv tal-emenda hu li fost il-benefiċjarji jiddaħħlu s-sajjieda li jużaw in-nases u gruppi

oħra tas-settur tas-sajd, bħal min jippakkja u min jaħdem ix-xbieki, li l-attivitajiet tagħhom huma esklużi mid-definizzjoni ta' "sajjieda".

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sabiex jiffaċilita ***d-diversifikazzjoni*** u l-ħolqien ta' impjegi ***barra s-settur tas-sajd***, il-FEMS jista' jappoġġa:

1. Sabiex jiffaċilita l-ħolqien ta' impjegi, il-FEMS jista' jappoġġa ***l-ħolqien ta' negozji fis-settur tas-sajd u għall-iżvilupp ta' attivitajiet anċillari marbuta mas-sajd.***

Ġustifikazzjoni

Il-FEMS għandu l-għan li jipprovi għajnuna strutturali lis-settur tas-sajd sabiex jissaħħu l-kompetittività u s-sostenibilità ta' dan tal-aħħar. L-appoġġ għad-diversifikazzjoni barra mill-attivitajiet tas-sajd f'setturi oħra jikkontradixxi dan il-għan. Min-naħa l-oħra għandu jitħeġġeġ il-ftuħ ta' negozji fis-settur tas-sajd, filwaqt li tingħata l-possibilità li jiġu żviluppati attivitajiet addizzjonali marbuta mas-sajd.

Emenda 65

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-appoġġ taħt il-paragrafu 1 (a) għandu jingħata ***lis-sajjieda*** li:

L-appoġġ taħt il-paragrafu 1 (a) għandu jingħata ***lill-operaturi tas-settur tas-sajd*** li:

Ġustifikazzjoni

Id-diversifikazzjoni u l-ħolqien tal-impjegi għandhom jiffokaw fuq is-settur tas-sajd kollu. It-terminoloġija użata fil-proposta mhijiex ċara biżżejjed.

Emenda 66

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-FEMS jista' jikkontribwixxi għall-primjums individwali lis-sajjieda li

għandhom anqas minn 40 sena li jkunu ħadmu tal-anqas għal ħames snin bħala sajjieda, jew li jkunu kisbu taħriġ professjonali ekwivalenti, u li jsiru għall-ewwel darba sidien totali jew parzjali ta' bastiment tas-fuq skala żgħira u kostali.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jagħmel is-sajd vijabbli, il-FEMS għandu jgħin lis-sajjieda żgħażagħ biex jiksbu proprjeta ta' bastiment, kif inhu possibbli taħt il-FES attwali.

Emenda 67

**Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mogħtija taħt il-paragrafu 1(a) ma għandux jaqbeż 50 % tal-baġit previst fil-pjan tan-negozju għal kull operazzjoni ***u ma għandux jaqbeż ammont massimu ta' EUR 50 000 għal kull operazzjoni.***

Emenda

6. L-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mogħtija taħt il-paragrafu 1(a) ma għandux jaqbeż 50 % tal-baġit previst fil-pjan tan-negozju għal kull operazzjoni.

Ġustifikazzjoni

L-ammont massimu ta' EUR 50 000 huwa arbitrarju u jista' jikkawża t-telf ta' opportunitajiet ta' investment.

Emenda 68

**Proposta għal regolament
Artikolu 32a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 32a

Investimenti għat-tiġdid tal-flotta

1. Il-FEMS jista' jikkontribwixxi għall-investment f'bastimenti ġodda tas-sajd, ġodda jew użati, kif ukoll għall-querda tal-bastimenti li qdiemu jew għall-allokazzjoni tagħhom mill-ġdid għal

attivitajiet differenti mis-sajd.

2. L-appoġġ għandu jingħata lill-proprjetarji ta' bastimenti tas-sajd.

3. L-appoġġ għandu jggarantixxi livell ogħla ta' sikurezza abbord, effiċjenza fl-enerġija u selettività fl-irkaptu tas-sajd. Dan l-appoġġ ma għandux iwassal għal żieda fil-kapaċità tas-sajd.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 150 sabiex tidentifika l-kriterji li jiddeterminaw jekk il-bastimenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhomx jibqgħu jintużaw jew le .

Ġustifikazzjoni

Huwa minnu li l-flotta Ewropea qed tiqdiem (nofs il-bastimenti għandhom aktar minn 25 sena). Dan il-fatt jippreżenta problemi kbar f'termini ta' sigurtà abbord u ta' rispett għall-ambjent marittimu. Għalhekk il-FEMS għandu jappoġġja t-tiġdid tal-flotta taħt ċerti kundizzjonijiet stretti, billi jiffinanzja s-sostituzzjoni tal-bastimenti li qdiemu b'bastimenti aktar moderni. Dawn l-investimenti ma għandhom fl-ebda każ iżidu l-kapaċità tas-sajd.

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 33 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Is-saħħa u s-sikurezza *abbord*

Saħħa u sikurezza *fuq ix-xogħol*

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ ikkonċernat għandu jkun disponibbli għas-sajjieda kollha, inklużi s-sajjieda mill-art, dawk li jużaw in-nases għat-tonn u dawk li jwettqu kompiti anċillari.

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sabiex itejjeb il-kondizzjonijiet tax-

1. Sabiex itejjeb il-kondizzjonijiet tax-

xogħol *għas-sajjieda abbord*, il-FEMS jista' *jappoġġja investimenti abbord* jew *fit-tagħmir* individwali *jekk dawn l-investimenti jmorru lil hinn mill-istandards meħtieġa mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni*.

xogħol *għall-operaturi tas-settur tas-sajd*, il-FEMS jista' *jipprovdli l-appoġġ maħsub għall-investimenti* jew *it-tagħmir* individwali, *maħsub biex itejjeb is-sikurezza, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-iġjene, il-kwalità tal-prodotti, l-effiċjenza enerġetika u s-selettività, dejjem sakemm dan ma jżidx il-kapaċità tas-sajd*.

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ ikkonċernat għandu jkun disponibbli għas-sajjieda kollha, inklużi s-sajjieda mill-art, dawk li jużaw in-nases għat-tonn u dawk li jwettqu kompiti anċillari. Fl-istess ħin, hu neċessarju li jkun preċiżati l-oqsma li jistgħu jibqgħu koperti mill-investimenti għat-titjib tas-saħħa u tas-sikurezza fix-xogħol.

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-appoġġ għandu jingħata *lil sajjieda* jew lil sidien ta' bastimenti tas-sajd.

Emenda

2. L-appoġġ għandu jingħata *lill-operaturi tas-settur tas-sajd* jew lil sidien ta' bastimenti tas-sajd *jew tal-irkaptu tas-sajd*.

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ biex titjeb is-saħħa u s-sikurezza tax-xogħol għandhom jibbenefikaw lill-operaturi kollha tas-settur tas-sajd, inklużi s-sajjieda mill-art u dawk li jużaw nases għat-tonn, dawk li jwettqu kompiti awżiljari, kif ukoll għall-proprietarji ta' bastimenti jew irkaptu ta' sajd.

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. *Meta l-operazzjoni tkun tikkonsisti f'investiment abbord, l-appoġġ ma għandux jingħata aktar minn darba matul il-perjodu tal-ipprogrammar għall-istess bastiment tas-sajd. Meta l-operazzjoni tkun tikkonsisti minn investiment*

Emenda

imħassar

f'tagħmir individwali, l-appoġġ ma għandux jingħata aktar minn darba matul il-perjodu tal-ipprogrammar għall-istess benefiċjarju.

Ġustifikazzjoni

Dawn ir-restrizzjonijiet ġodda proposti mill-Kummissjoni fuq il-frekwenza tal-appoġġ maħsub biex itejjeb is-saħħa u s-sikurezza jostakolaw l-ilħiq tal-oġġettivi mfittxa f'dan l-artikolu. Ir-rapporteur topponi dawn il-limitazzjonijiet għax wieħed ma jistax ikun jaf minn qabel x'numru ta' investimenti neċessarji se jkun hemm.

Emenda 73

**Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 sabiex tidentifika t-tipi ta' operazzjonijiet eliġibbli taħt il-paragrafu 1.

4. L-operazzjonijiet eliġibbli għall-appoġġ għandhom jiddaħħlu fil-Programm Operattiv u fil-kriterji tal-għażla.

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni m'għandhiex ikollha s-setgħa tadotta atti delegati li jispeċifikaw liema operazzjonijiet huma eliġibbli għall-appoġġ.

Emenda 74

**Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) il-waqfien permanenti tal-attivitajiet ta' sajd tal-bastimenti tas-sajd;

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet fil-passat ikkontribwixxew biex jiġi ristrutturatur is-settur u fil-futur se jkun meħtieġ li jkun hemm aġġustamenti ġodda tal-kapaċità tas-sajd Ewropea fid-dawl tal-konservazzjoni tar-riżorsi.

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata biss lil awtoritajiet pubbliċi.

Emenda

2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata lill-awtoritajiet pubbliċi, ***lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, lill-organizzazzjonijiet tas-sajjeda jew lill-organizzazzjonijiet ta' produttori rikonoxxuti, li huma impenjati fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni fil-qafas tal-PKS.***

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 35 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Deċiżjonijiet dwar il-waqfien permanenti tal-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd jistgħu jittieħdu biss bħala parti mill-miżura ta' konservazzjoni taħt l-Artikolu 7(c) tar-Regolament tal-PKS.

Ġustifikazzjoni

Il-waqfien permanenti jew is-sospensjoni temporanja ta' attività għeniet biex tirristruttura s-settur, u b'hekk tnaqqas l-ispiża soċjali tal-azzjoni meħuda għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut.

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sabiex tnaqqas l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar, tinkoraġġixxi l-eliminazzjoni tar-rimi u tiffaċilita t-tranżizzjoni għall-isfruttar tar-riżorsi

1. Sabiex tnaqqas l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar, tinkoraġġixxi t-tnaqqis tar-rimi u tiffaċilita t-tranżizzjoni għall-isfruttar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar

bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li jirrestawraw u jħarsu l-popolazzjonijiet tal-ispeċi maħsuda 'l fuq mil-livelli li *jistgħu jista' joħloq l-MSY*, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti f'taġħmir:

ħajjin li jirrestawraw u jħarsu l-popolazzjonijiet tal-ispeċi maħsuda f'livelli li *jippermettu li wieħed joqrob ir-RMS*, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti f'taġħmir:

Ġustifikazzjoni

Il-PKS għandha tistabbilixxi objettivi realistiċi ta' konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut.

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) organizzazzjonijiet ta' sajjieda rikonoxxuti mill-Istat Membru.

Emenda

(c) operaturi tas-settur tas-sajd li jkunu proprjetarji tal-irkaptu li għandu jinbidel u li jkunu wettqu l-attività tas-sajd mill-inqas 60 ġurnata matul is-sentejn qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li l-għajjnuna tilħaq lill-professjonisti kollha tas-settur tas-sajd.

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 36a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 36a

Appoġġ maħsub biex ittaffi avvenimenti eċċezzjonali

Bil-għan li tittaffa s-sitwazzjoni ekonomika li tirriżulta minn avveniment eċċezzjonali li jimpedixxi l-iżvilupp normali tal-attività tas-sajd, il-FEMS jista' jagħti appoġġ għall-waqfien termporanju tal-attivitajiet tas-sajd, maħsub għall-proprjetarji tal-bastimenti tas-sajd u għas-sajjieda. L-

implimentazzjoni tal-miżuri tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut mhux se titqies bħala każ eċċezzjonali.

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tal-miżuri ta' konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut, ir-regolament tal-FEMS għandu jinkludi strument maħsub biex jiffaċċja ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal katastrofi naturali jew tniġġis ta' skala kbira tal-ambjent marittimu biex tittaffa temporanjament is-sitwazzjoni tal-proprietarji tal-bastimenti u s-sajjieda milquta.

Emenda 80

**Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex jikkontribwixxi ***għall-eliminazzjoni*** tar-rimi u l-qbid inċidentali u jiffaċilita t-tranżizzjoni għall-isfruttar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li jirrestawraw u jħarsu popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda ***'l fuq mil-livelli li jista' joħloq l-MSY***, il-FEMS jista' jappoġġja l-proġetti maħsuba biex jiżviluppaw jew jintroduċu għarfien tekniku jew organizzattiv ġdid bil-għan li jitnaqqas l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ambjent jew jinkiseb użu aktar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.

Emenda

1. Sabiex jikkontribwixxi ***għat-tnaqqis*** tar-rimi u l-qbid inċidentali u jiffaċilita t-tranżizzjoni għall-isfruttar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li jirrestawraw u jħarsu popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda ***f'livelli qrib ir-RMS***, il-FEMS jista' jappoġġja l-proġetti maħsuba biex jiżviluppaw jew jintroduċu għarfien tekniku jew organizzattiv ġdid bil-għan li jitnaqqas l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ambjent jew jinkiseb użu aktar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ jiġu stabbiliti objettivi realistiċi.

Emenda 81

**Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

b) il-kostruzzjoni jew l-installazzjoni ta' faċilitajiet statiċi jew mobbli maħsuba biex jiproteġu u jsaħħu l-fawna u l-flora tal-

Emenda

b) il-kostruzzjoni jew l-installazzjoni ta' faċilitajiet statiċi jew mobbli maħsuba biex jiproteġu u jsaħħu l-fawna u l-flora tal-

baħar;

baħar, **inkluż il-bini u l-manutenzjoni tal-irkaptu biex jinġema' l-ħut (FADs) ankrat fil-kosta, ġestit b'mod kollettiv;**

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiħares mudell tradizzjonali ta' sajd kostali fuq skala żgħira filwaqt li jkun possibbli l-użu ta' stokk pelaġiku, l-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut għandu jkun iffinanzjat fir-reġjuni l-aktar imbiegħda.

Emenda 82

Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-ġestjoni, l-irkupru u l-monitoraġġ ta' siti NATURA 2000 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, f'konformità mal-oqsfa ta' azzjoni prijoritizzata skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE;

Emenda

(d) l-identifikazzjoni, is-selezzjoni, u l-istabbiliment ta' proċess kif ukoll il-ġestjoni, l-irkupru u l-monitoraġġ ta' siti NATURA 2000 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, f'konformità mal-oqsfa ta' azzjoni prijoritizzata skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE;

Emenda 83

Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) il-ġestjoni, l-irkupru u l-monitoraġġ ta' żoni protetti tal-baħar fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni ta' spazji msemmija fl-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Emenda

(e) l-identifikazzjoni, is-selezzjoni, u l-istabbiliment ta' proċess kif ukoll il-ġestjoni, l-irkupru u l-monitoraġġ ta' żoni protetti tal-baħar fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni ta' spazji msemmija fl-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament

Emenda 84

**Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-FEMS għandu jippromwovi r-riċerka dwar Prattiki u rkaptu tas-sajd, il-valutazzjoni tal-istokk u l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema bl-għan li dawn jimminimizzaw jew jevitaw l-impatti dannużi tas-sajd fuq l-ispeċijiet u l-habitats marittimi.

Emenda 85

**Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) is-sostituzzjoni jew l-immodernizzar tal-magni prinċipali jew awżiljarji sabiex titnaqqas l-emissjoni tas-sustanzi niġġiesa jew tal-gass b'effett serra u sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija tal-bastimenti, mingħajr ma tiżdied il-kapaċità tal-bastimenti;

Ġustifikazzjoni

Il-FEMS għandu jappoġġja s-sostituzzjoni u l-immodernizzar tal-magni. Dawn l-investimenti ma għandhomx iżidu l-kapaċità tal-bastimenti.

Emenda 86

**Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-appoġġ ***ma għandux jikkontribwixxi***

2. L-appoġġ ***għandu jingħata lis-sidien***

għat-tibdil jew l-immodernizzar ta' magni prinċipali jew anċillari. L-appoġġ għandu jingħata lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd biss u ma għandux jingħata aktar minn darba matul il-perjodu tal-ipprogrammar għall-istess bastiment tas-sajd.

tal-bastimenti tas-sajd biss.

Ġustifikazzjoni

Ir-restrizzjonijiet proposti mill-Kummissjoni jistgħu jillimitaw l-ambitu tal-miżuri biex jiġġieldu l-bidla fil-klima. L-appoġġ għall-magni huma neċessarji biex titjeb l-effiċjenza enerġetika. Bl-ebda mod mhi ġġustifikata t-tneħħija tagħha. Min-naħa l-oħra, l-emenda żżomm il-possibilità li, jekk meħtieġ, ikun hemm diversi investimenti fl-istess perjodu ta' programmar.

Emenda 87

Proposta għal regolament Artikolu 40 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-kwalità tal-prodotti u l-użu ta' qabdiel mhux mixtieqa

*Il-kwalità tal-prodotti **tal-baħar***

Emenda 88

Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sabiex tittejjeb il-kwalità **tal-ħut** li jinqabdu, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti abbord għal dan il-għan.

1. Sabiex tittejjeb il-kwalità **tal-prodotti tas-sajd** li jinqabdu, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti abbord għal dan il-għan.

Emenda 89

Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Sabiex jipprovdi assistenza għall-

kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti b'valur kummerċjali dgħajjef, il-FEMS jista' jappoġġja kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar il-prodotti tas-sajd li ma tantx huma magħrufa mal-konsumatur.

Emenda 90

Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-appoġġ taħt dan l-Artikolu ma għandux jingħata aktar minn darba matul il-perjodu tal-ipprogrammar għall-istess bastiment tas-sajd jew għall-istess benefiċjarju.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Ir-restrizzjonijiet proposti mill-Kummissjoni jistgħu jillimitaw l-ambitu tal-miżuri. Għandha tkun prevista l-possibilità li, jekk meħtieġ, ikun hemm diversi investimenti perjodu wieħed ta' programmar.

Emenda 91

Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-appoġġ imsemmi f' dan il-paragrafu 1 għandu jingħata biss lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li l-bastimenti tagħhom ikunu wettqu attività ta' sajd għal mill-inqas 60 ġurnata fuq il-baħar matul is-sentejn qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4. L-appoġġ imsemmi f' dan il-paragrafu 1 għandu jingħata biss lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li l-bastimenti tagħhom ikunu wettqu attività ta' sajd għal mill-inqas 60 ġurnata fuq il-baħar matul is-sentejn qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, ***ħlief jekk ikun hemm deroga prevista mill-Istat Membru għall-dawk li jkunu għadhom jibdew fis-settur tas-sajd.***

Emenda 92

**Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-appoġġ msemmin fil-paragrafu 2 jista' jingħata lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi jew lill-organizzazzjonijiet professjonali fil-kuntest ta' proġetti kollettivi.

Emenda 93

**Proposta għal regolament
Artikolu 40a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 40a

Fondi reċiproċi f'każ ta' mard ta' annimali, ta' kontaminazzjoni, ta' tniġġis mifruż, ta' inċident ambjentali u ta' kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena ħafna

1. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu, permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji f'fondi reċiproċi approvati, il-ħlas lis-sajjeda ta' kumpens maħsub biex ikopri t-telf ekonomiku li jirriżulta minħabba mard tal-annimali, kontaminazzjoni, inċident ambjentali, tniġġis mifruż rikonoxxut mill-awtoritajiet pubbliċi jew kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena ħafna. Għalhekk, il-FEMS jista' jikkontribwixxi permezz ta' ħlasijiet finanzjarji fil-fondi reċiproċi bil-ħsieb li jitħallas il-kumpens finanzjarju lis-sajjeda għal telf ekonomiku li jirriżulta minn mard tal-annimali, kontaminazzjoni, tniġġis mifruż, inċident ambjentali u kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena ħafna.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, nifhmu b':

(a) 'fondi reċiproki': sistema rikonoxxuta mill-Istat Membru skont il-liġi nazzjonali tiegħu u li tippermetti lis-sajjeda msieħba

li jassiguraw ruħhom u jirċievu kumpens f'każ ta' telf ekonomiku relatat ma' mard tal-annimali, kontaminazzjoni, inċident ambjentali, tniġġis mifrux rikonoxxut mill-awtoritajiet pubbliċi jew kundizzjonijiet klimatiki ħżiena ħafna.

(b) 'inċident ambjentali': okkorrenza speċifika ta' tniġġis, kontaminazzjoni jew degradazzjoni fil-kwalità tal-ambjent relatati ma' avveniment speċifiku u li tkun ta' ambitu ġeografiku limitat. Dan ma għandux ikopri riskji ambjentali ġenerali li mhumiex konnessi ma' avveniment speċifiku, bħat-tibdil fil-klima.

(c) 'tniġġis mifrux rikonoxxut mill-awtoritajiet pubbliċi': kull tniġġis li l-oriġini tiegħu ma jistax ikun lokalizzat f'punt wieħed preċiż imma li jkun ġej minn diversi punti li ma jistgħux jiġu identifikati u maqsuma fuq superfiċje kbira, rikonoxxut mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat Membru

(d) 'kundizzjoni klimatika ħżina ħafna': inċident klimatiku li jkollu effett ħżin fuq it-twettiq ta' attività jew katastrofi naturali li jirriżultaw minn fenomenu bħal dan.

3. Permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Ġustifikazzjoni

Qed ikun propost li tiġi introdotta l-possibilità li s-settur tas-sajd jipparteċipa fit-twaqqif ta' fondi reċiproċi abbażi ta' dak li huwa ppreżentat fl-abbozz tar-Regolament FAEŻR.

Emenda 94

Proposta għal regolament Artikolu 41 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Portijiet tas-sajd, postijiet ta' nżul **u**
postijiet ta' kenn

Emenda

Portijiet tas-sajd, postijiet ta' nżul, postijiet
ta' kenn **u pixkeriji**

Ġustifikazzjoni

Ir-regolament għandu jikkontempla l-possibilità li jitjiebu l-infrastrutturi tal-pixkeriji li għadda żmienhom.

Emenda 95

Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Għall-fini tat-titjib tal-kwalità tal-prodott żbarkat, aktar effiċjenza fl-użu tal-enerġija, li jsir kontribut għall-protezzjoni ambjentali jew għat-titjib tal-kondizzjonijiet tas-sigurtà u x-xogħol, il-FEMS jista' jappoġġa investimenti li jtejbju l-infrastrutturi tal-portijiet tas-sajd jew is-siti ta' żbark, *inklużi investimenti f'faċilitajiet għal ġbir ta' skart u skart fil-baħar.***

Emenda

1. il-FEMS jista' jappoġġa investimenti li jtejbju l-infrastrutturi tal-portijiet tas-sajd, is-siti ta' żbark **u l-pixkeriji. L-investimenti jikkonċernaw b'mod partikolari:**

(a) it-titjib fil-kwalità u l-freskezza tal-prodott żbarkat;

(b) it-titjib fil-kundizzjonijiet tal-iżbark, tal-ipproċessar, tal-ħażna u tal-bejgħ;

(c) il-miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa u l-miżuri li għandhom l-għan li jkun hemm użu ottimali tal-qabdiet mhux mixtieqa li jkunu ġejjin mill-istokkijiet kummerċjali, fil-każijiet fejn dawn jiġu żbarkati, u li jingħata valur lill-ħut maqbud li ma jintużax daqsekk;

(d) l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija;

(e) *il-ħarsien ambjentali, b'mod partikolari l-ħsad, il-ħażna u t-trattament tar-rimi u tar-rimi fil-baħar;*

(f) *it-titjib fis-sigurtà u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol;*

(g) *il-provvista tal-fjuwil, tas-silġ, tal-ilma u tal-elettriku;*

(h) *it-tagħmir għall-manutenzjoni jew għat-tiswija tal-bastimenti tas-sajd;*

(i) *il-kostruzzjoni, l-immodernizzar u l-estensjoni tal-mollijiet bil-ħsieb li titjeb is-sigurtà waqt li jiġu żbarkati jew li jitgħabbew il-prodotti;*

(j) *il-ġestjoni kompjuterizzata tal-attivitajiet tas-sajd*

(k) *il-kollegament permezz ta' netwerk tal-portijiet tas-sajd, tas-siti għall-iżbark u tal-pixkeriji.*

Ġustifikazzjoni

L-awtur jipproponi li jiżdedu l-investimenti tal-FEMS fil-portijiet sabiex jitqies ir-rwol strateġiku tagħhom għall-kompetittività u għas-sostenibilità tal-attivitajiet tas-sajd u taż-żoni kostali.

Emenda 96

Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-appoġġ ma għandux ikopri l-kostruzzjoni ta' portijiet ġodda, siti ta' żbark ġodda **jew swali tal-irkant ġodda.**

Emenda

4. L-appoġġ ma għandux ikopri l-kostruzzjoni ta' portijiet ġodda **jew** siti ta' żbark ġodda.

Ġustifikazzjoni

M'għandhomx jiġu eklużi l-għajnuniet għall-bini ta' pixkeriji ġodda, għax jeħtieġ li jiġu sostitwiti dawk li għadda żmienhom.

Emenda 97

**Proposta għal regolament
Artikolu 42a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 42a

***Ghajjnuna pubblika biex jitwaqqfu għal
kollox l-attivitajiet tas-sajd***

1. Il-FEMS jista' jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-wafien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd sakemm ikunu parti minn pjan multiannwali kif definit fl-Artikolu 9 tar-Regolament UE Nru ... dwar il-politika komuni tas-sajd. Il-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd ta' bastiment tas-sajd jista' jsir biss permezz ta':

a) l-iskrappjar tal-bastiment tas-sajd;

b) l-allokkazzjoni mill-ġdid tiegħu f'attivitajiet oħra minbarra s-sajd taħt il-bandiera ta' Stat Membru u b'reġistrazzjoni fil-Komunità;

c) l-allokkazzjoni mill-ġdid tiegħu għall-ħolqien ta' skollijiet artifiċjali. L-Istati Membri għandhom jaraw li ssir evalwazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent għal dawn l-operazzjonijiet.

2. L-ghajjnuna pubblika għall-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li tingħata lill-proprjetarji tal-bastimenti tas-sajd tapplika għall-kapaċità tas-sajd tal-bastiment, u, jekk ikun il-każ, għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd li huma assoċjati miegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 150 sabiex tippreċiża t-termini għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Emenda 98

Proposta għal regolament Artikolu 42b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 42b

***Għajnuna għas-sajjieda milquta mill-
miżuri ta' waqfien permanenti tal-
bastiment tas-sajd***

***Bil-għan li tittaffa s-sitwazzjoni tas-
sajjieda li jiġi l-impjeg tagħhom
minħabba l-waqfien permanenti tal-
bastiment li fih jeżerċita l-attività tiegħu,
il-FEMS jista' jagħti kumpensi
soċjoekonomiċi maħsuba:***

***(a) għall-ħruġ antiċipat mis-settur tas-
sajd, inkluż l-irtirar bikri;***

***(b) għall-kumpens mhux rinovabbli għas-
sajjieda li ħadmu bħala sajjieda abbord
bastiment ta' mhux inqas minn tmax-il
xahar. Dan il-kumpens jiġi rimborżat fuq
bażi pro rata temporis fil-każ li l-
benefiċjarju jirritorna għall-professjoni
tiegħu fi żmien ta' inqas minn sena wara
li jkun irċieva l-kumpens.***

Ġustifikazzjoni

Għandhom jiġu stabbiliti miżuri ta' għajnuna soċjoekonomika biex tittaffa s-sitwazzjoni tas-sajjieda milquta mill-waqfien permanenti tal-attività. Ir-rapporteur mhijiex tal-istess fehma bħall-Kummissjoni fir-rigward tat-tneħħija ta' dawn l-għajnuniet, li t-tneħħija tagħhom ikollha spiża soċjali kbira ħafna.

Emenda 99

Proposta għal regolament Artikolu 42c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 42c

***Għajnuna għal waqfien temporanju tal-
attivitàjiet tas-sajd***

1. Il-FEMS jista' jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' miżuri ta' għajnuna f'każ ta' waqfien temporanju fl-attivitajiet tas-sajd li tingħata lis-sajjieda u lis-sidien ta' bastimenti tas-sajd fil-każijiet li ġejjin:

(a) fil-qafas ta' pjan pluriennali hekk kif definit fl-Artikolu 9 tar-[Regolament PKS];

(b) f'każ tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' emerġenza adottati mill-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 13 tar-[Regolament PKS];

(c) f'każ ta' perjodu ta' rkupru bijoloġiku deċiż f'konformità mar-[Regolament PKS];

2. Il-waqfien staġonali regolari tas-sajd ma għandux jitqies għall-għoti ta' kumpens jew ta' ħlas skont dan l-Artikolu.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 150 sabiex tippreċiża t-termini għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Ġustifikazzjoni

Il-FEMS għandu jappoġġja s-sajjieda li qed jiffaċċjaw waqfien temporanju, b'mod partikolari fil-każ ta' applikazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza jew matul perjodi ta' mistrieħ bijoloġiku fil-kuntest tar-regolament bażiku.

Emenda 100

Proposta għal regolament Artikolu 47 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) id-diversifikazzjoni tad-dħul tal-intrapriżi tal-akkwakultura permezz tal-iżvilupp ta' attivitajiet komplementari barra l-akkwakultura.

Emenda

(c) id-diversifikazzjoni tad-dħul tal-impriżi tal-akkwakultura permezz tal-iżvilupp ta' attivitajiet komplementari barra l-attività tal-akkwakultura prinċipali.

Ġustifikazzjoni

Soluzzjoni intraprenditorjali għall-farms tal-akkwakultura hija d-diversifikazzjoni lejn attivitajiet kumplementari, imma mhux marbuta mal-attività prinċipali, fil-qasam tal-ambjent jew it-turiżmu.

Emenda 101

Proposta għal regolament Artikolu 47 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(c) għandu jingħata biss lill-impriżi tal-akkwakultura **sakemm l-attivitajiet kumplementari barra l-akkwakultura jkunu relatati man-negozju** akkwakulturali prinċipali **tal-impriża**, bħat-turiżmu tas-sajd bil-qasba, servizzi ambjentali tal-akkwakultura jew attivitajiet edukattivi dwar l-akkwakultura.

Emenda

2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(c) għandu jingħata biss lill-impriżi tal-akkwakultura **għall-attivitajiet** kumplementari **għall-attività** akkwakulturali prinċipali **tagħhom**, bħat-turiżmu tas-sajd bil-qasba, servizzi ambjentali tal-akkwakultura jew attivitajiet edukattivi dwar l-akkwakultura.

Ġustifikazzjoni

Soluzzjoni intraprenditorjali għall-farms tal-akkwakultura hija d-diversifikazzjoni lejn attivitajiet kumplementari, imma mhux marbuta mal-attività prinċipali, fil-qasam tal-ambjent jew it-turiżmu.

Emenda 102

Proposta għal regolament Artikolu 48 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) il-promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs, speċjalment fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità.

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur tipproponi li jitwessgħu l-miżuri ta' konsulenza biex jinkludu l-promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs fis-settur tal-akkwakultura.

Emenda 103

Proposta għal regolament Artikolu 48 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-konċiljazzjoni tal-impjeg mal-ħajja tal-familja.

Ġustifikazzjoni

It-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għandu jiddaħħal fil-miżuri ta' konsulenza lill-intrapriżi tal-akkwakultura.

Emenda 104

Proposta għal regolament Artikolu 48 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-appoġġ taħt il-paragrafu (1)(a) għandu jingħata biss lil korpi tal-liġi pubblika magħżula sabiex jistabbilixxu s-servizzi ta' konsulenza għall-farms. L-appoġġ taħt il-paragrafu (1)(b) għandu jingħata biss lil SMEs tal-akkwakultura jew lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

3. L-appoġġ taħt il-paragrafu (1)(a) għandu jingħata biss lil korpi tal-liġi pubblika magħżula sabiex jistabbilixxu s-servizzi ta' konsulenza għall-farms. L-appoġġ taħt il-paragrafu (1)(b) għandu jingħata biss lil SMEs tal-akkwakultura jew lill-organizzazzjonijiet ***jew assoċjazzjonijiet*** tal-produtturi.

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur tipproponi li l-għajnuna għall-forniment ta' servizzi ta' konsulenza ta' natura teknika, xjentifika, legali jew ekonomika tiġi estiża għall-assoċjazzjonijiet tal-produtturi.

Emenda 105

Proposta għal regolament Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1(a) ma għandux jingħata lil impriżi kbar tal-

imħassar

akkwakultura.

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi kkunsidrat r-rwol li jista' jkollhom impriżi kbar fir-rigward tal-innovazzjoni. L-impriżi kbar biss għandhom il-kapaċità li jwettqu attivitajiet sinifikanti f'dak il-qasam. Għalhekk, il-limitazzjoni proposta mill-Kummissjoni mhijiex ġustifikata.

Emenda 106

**Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

(c) forum ta' akkwakultura **estensiva, inkluż il-konservazzjoni** u t-titjib tal-ambjent, il-bijodiversità u l-ġestjoni tal-pajsaġġ u l-karatteristiċi tradizzjonali taż-żoni tal-akkwakultura.

Emenda

(c) diversi forum ta' akkwakultura **maħsuba għall-konservazzjoni** u t-titjib tal-ambjent, il-bijodiversità u l-ġestjoni tal-pajsaġġ u l-karatteristiċi tradizzjonali taż-żoni tal-akkwakultura.

Ġustifikazzjoni

L-akkwakultura estensiva m'għandhiex għalfejn tirrispetta l-ambjent iktar minn forum oħra ta' akkwakultura.

Emenda 107

**Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(ca) l-istabbiliment u l-funzjonament ta' "gruppi tad-difiża tas-saħħa" fis-settur tal-akkwakultura.

Emenda

Ġustifikazzjoni

Gruppi tad-difiża tas-saħħa jaħdmu b'mod effikaċi ħafna fis-settur tat-trobbija tal-istokkijiet ibbażat fuq l-art. Ir-rapporteur tipproponi li jiġi promoss ix-xogħol ta' dawn il-gruppi fis-settur tal-akkwakultura, l-uniku ambjent tal-produzzjoni tal-annimali li fih ma jirċevux appoġġ Komunitarju.

Emenda 108

Proposta għal regolament Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) spejjeż li jirriżultaw mill-qbid u l-gerda tal-annimali li jmutu fil-farms minħabba kawżi naturali jew inċidenti fil-farms, jew li nqatlu u ndifnu fil-farm stess, għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali u b'awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel.

Ġustifikazzjoni

L-ispejjeż li jirriżultaw mill-qbid u l-gerda ta' annimali huma għoljin ħafna. Ir-rapporteur tipproponi li dawn jiddaħħlu fil-miżuri koperti mill-assigurazzjoni appoġġjata mill-FEMS.

Emenda 109

Proposta għal regolament Artikolu 65 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-appoġġ għad-diversifikazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi f'żoni tas-sajd, **b'mod partikolari** f'setturi marittimi oħrajn;

(b) l-appoġġ għad-diversifikazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi f'żoni tas-sajd, **anke** f'setturi marittimi oħrajn;

Ġustifikazzjoni

Id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi m'għandhiex għalfejn titwettaq "speċjalment" f'setturi marittimi oħra. Is-settur tas-sajd jista' joffri opportunitajiet li ma jkunx raġonevoli li wieħed jinjora.

Emenda 110

Proposta għal regolament Artikolu 65 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-appoġġ mogħti jista' jinkludi miżuri stabbiliti fil-Kapitoli I u II ta' dan it-Titolu sakemm ikun hemm raġuni ċara għall-

2. L-appoġġ mogħti jista' jinkludi miżuri stabbiliti fil-Kapitoli I, II u IV ta' dan it-Titolu sakemm ikun hemm raġuni ċara

ġestjoni tagħhom fil-livell lokali. Meta tingħata l-ġhajjnuna għall-operazzjonijiet li jikkorrispondu għal dawn il-miżuri, għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet rilevanti u l-iskali ta' kontribuzzjoni għal kull operazzjoni stabbiliti fil-Kapitoli I u II ta' dan it-Titolu.

għall-ġestjoni tagħhom fil-livell lokali. Meta tingħata assistenza għall-operazzjonijiet li jikkorrispondu għal dawn il-miżuri, għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet rilevanti u l-iskali ta' kontribuzzjoni għal kull operazzjoni stabbiliti fil-Kapitoli I, II u IV ta' dan it-Titolu.

Ġustifikazzjoni

Fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali jeħtieġ li jiżdiedu l-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar minħabba r-rwol importanti li dawn għandhom fil-ħolqien tal-impjiegi.

Emenda 111

Proposta għal regolament Artikolu 69 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-FEMS **jista'** jappoġġja t-tnejn u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura].

Emenda

1. Il-FEMS **għandu** jappoġġja t-tnejn u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura].

Ġustifikazzjoni

It-tnejn u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni huma miżuri ewlenija għall-organizzazzjoni komuni tas-suq li jirrikjedu appoġġ mill-FEMS.

Emenda 112

Proposta għal regolament Artikolu 70 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-ġhajjnuna finanzjarja fis-sena ma għandhiex taqbeż **il-perċentwali li ġejjin** tal-valur annwali medju tal-produzzjoni kummerċjalizzata fl-ewwel bejgħ tal-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi

Emenda

(c) l-ġhajjnuna finanzjarja fis-sena ma għandhiex taqbeż **it-2 %** tal-valur annwali medju tal-produzzjoni kummerċjalizzata fl-ewwel bejgħ tal-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi fil-

fil-perjodu 2009-2011. Fil-każ li l-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi ma kellhom l-ebda produzzjoni kummerċjalizzata fl-2009-2011, għandu jkun ikkunsidrat il-valur annwali medju tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fl-ewwel tliet snin tal-produzzjoni tat-tali membru.

- 1% fl-2014
- 0.8% fl-2015
- 0.6% fl-2016
- 0.4% fl-2017
- 0.2% fl-2018

perjodu 2009-2011. Fil-każ li l-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi ma kellhom l-ebda produzzjoni kummerċjalizzata fl-2009-2011, għandu jkun ikkunsidrat il-valur annwali medju tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fl-ewwel tliet snin tal-produzzjoni tat-tali membru.

Ġustifikazzjoni

L-għajjuniet għall-ħżin huma l-uniċi miżuri ta' stabilizzazzjoni tas-swieq li l-Kummissjoni tippromponi li żżomm fil-perjodu li jmiss ta' programmar. Jeħtieġ tinżamm din il-miżura sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' stabbiltà fis-suq.

Emenda 113

Proposta għal regolament Artikolu 70 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Sal-2019, l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi eliminat b'mod gradwali.

imħassar

Ġustifikazzjoni

L-għajjuniet għall-ħżin huma l-uniċi miżuri ta' stabilizzazzjoni tas-swieq li l-Kummissjoni tippromponi li żżomm fil-perjodu li jmiss ta' programmar. Jeħtieġ tinżamm din il-miżura sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' stabbiltà fis-suq.

Emenda 114

Proposta għal regolament Artikolu 70a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 70a

Kumpens għall-produtturi tat-tonn

1. Il-FEMS jista' jagħti kumpens lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi meta' waqgħa fil-prezzijiet tal-importazzjoni tat-tonn maħsub għall-industrija tal-preservazzjoni tista' thedded il-livell tad-dħul tal-produtturi Komunitarji.

2. Il-kumpens għandu inġhata meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet previsti fir-Regolament Nru. (...) li jistabbilixxi l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur taqbel li jinżamm il-kumpens li jirċievu bħalissa l-produtturi tat-tonn bħala kumpens għas-sospensjoni totali u permanenti tat-tariffi doganali komuni tal-ammont sħiħ ta' tonn importat minn pajjiżi terzi għall-ipproċessar. It-tneħħija ta' dawn il-pagamenti ta' kumpens se tħalli l-produzzjoni Komunitarja fi żvantaġġ ċar.

Emenda 115

Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) itejbu l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta':

(a) itejbu l-kundizzjonijiet, ***b'mod partikolari fil-qafas tat-transizzjoni tar-RMS***, għall-kummerċjalizzazzjoni ta', :

Emenda 116

Proposta għal regolament Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt a – sottopunt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(ia) il-prodotti li għandhom
kontribuzzjonijiet irregolari***

Emenda 117

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt b – sottopunt iii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iii) kummerċjalizzazzjoni diretta ta' prodotti tas-sajd minn sajjieda kostali fuq skala żgħira.

kummerċjalizzazzjoni diretta ta' prodotti tas-sajd minn sajjieda kostali fuq skala żgħira ***u mis-sajjieda tal-art.***

Ġustifikazzjoni

Is-sajjieda tal-art m'għandhomx ikunu esklużi minn dan l-appoġġ għall-promozzjoni tal-kwalità.

Emenda 118

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) kampanji ta' informazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Il-kampanji ta' informazzjoni se jikkontribwixxu għat-titjib tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. Ir-rapporteur tipproponi, għalhekk, li dawn jiddaħħlu fil-lista tal-miżuri sussidjabbli.

Emenda 119

Proposta għal regolament

Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fb) organizzazzjoni u parteċipazzjoni

ffieri u avvenimenti kummerċjali tas-settur.

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha titlesta biex jinġabru miżuri li r-rapporteur tqis neċessarji biex tissaħħaħ il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Emenda 120

**Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt fc (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fc) innovazzjoni fl-impriżi.

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha titlesta biex jinġabru miżuri li r-rapporteur tqis neċessarji biex tissaħħaħ il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Emenda 121

**Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt fd (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fd) taħriġ, speċjalment fil-qasam tal-innovazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha titlesta biex jinġabru miżuri li r-rapporteur tqis neċessarji biex tissaħħaħ il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Emenda 122

**Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt fe (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fe) it-tiftix ta' swieq ġodda.

Ġustifikazzjoni

Ġustifikazzjoni identika għal dawk ta' qabilha.

Emenda 123

**Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1 – punt ff (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ff) l-appoġġ għat-tqegħid fis-suq u l-promozzjoni tal-prodotti lokali u staġjonali.

Emenda 124

**Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) għat-titjib tal-kompetittività u l-vijabilità ekonomika tal-intrapriżi;

Ġustifikazzjoni

Is-settur tal-iproċessar huwa importanti ħafna biex tkun garantita s-sostenibilità ekonomika tas-settur tas-sajd u għaż-żamma u l-ħolqien tal-impjiegi. Jeħtieġ li l-proposta tal-Kummissjoni titjeb billi jitwessgħu l-miri tal-appoġġ previst fil-FEMS.

Emenda 125

**Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-iġjene, is-saħħa pubblika u l-kwalità;

Ġustifikazzjoni

Is-settur tat-trasformazzjoni huwa importanti ħafna biex tkun garantita s-sostenibilità

ekonomika tas-settur tas-sajd u għaż-żamma u l-ħolqien tal-impjiegi. Jeħtieġ li l-proposta tal-Kummissjoni titjeb billi jitwessgħu l-miri tal-appoġġ previst fil-FEMS.

Emenda 126

**Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt dc (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(dc) żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni meta jkun hemm perspettivi tajbin tas-suq;

Emenda 127

**Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt dd (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(dd) għal innovazzjoni u stħarriġ f'intrapriżi u organizzazzjonijiet fis-settur;

Emenda 128

**Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt de (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(de) għat-taħriġ tal-ħaddiema fl-innovazzjoni;

Emenda 129

**Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt df (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(df) miżuri soċjali maħsuba għall-ħaddiema;

Emenda 130

Proposta għal regolament Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt dg (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(dg) għal miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw id-djalogu u l-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati.

Emenda 131

Proposta għal regolament Artikolu 72 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 **għandu** jingħata **esklussivament** permezz tal-istrumenti finanzjarji speċifikati fit-Titolu IV tar-[Regolament (UE) Nru [...]] li jstabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni].

2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 **jista'** jingħata **b'mod partikolari** permezz tal-istrumenti finanzjarji speċifikati fit-Titolu IV tar-[Regolament (UE) Nru [...]] li jstabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni].

Emenda 132

Proposta għal regolament Titolu V – Kapitolu IVa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kapitolu IVa – Miżuri relatati mal-PMI b'ġestjoni konġunta

Artikolu 72a. Il-FEMS għandu jipprovdi għall-possibilità li:

1. Tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-operaturi tas-sajd u tal-akkwakultura għall-implimentazzjoni tal-PMI.

L-operazzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli:

(a) il-kartografija taż-żoni ta' attivitajiet jew ta' akkwakultura

(b) l-evalwazzjoni soċjoekonomika tal-

attivitajiet tas-sajd jew tal-akkwakultura

(c) il-parteciċipazzjoni fl-istrateġiji ta' djalogu

(d) l-esperimentazzjoni tal-metodi ta' ġestjoni

(e) il-kooperazzjoni transkonfinali jew transnazzjonali bejn l-organizzazzjonijiet tas-sajjieda, inkluż mal-organizzazzjonijiet li jinstabu fi Stati barra mill-Unjoni

2. Jappoġġja l-implimentazzjoni tal-ippjanar tal-ispazju marittimu u l-ġestjoni integrata taż-żoni kostali, billi jippromwovi:

(a) l-istrateġiji reġjonali jew lokali ta' netwerking għall-partijiet interessati

(b) azzjonijiet pilota, b'mod partikolari fl-oqsma tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra t-tniġġis u tas-sigurtà tal-baħar

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li jinħolqu punti ta' diskussjoni bejn l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura u l-implimentazzjoni tal-politika marittima integrata. Qed tiġi proposta l-introduzzjoni ta' kapitolu dwar il-Politika Marittima Integrata f'ġestjoni integrata li ma tqajjimx dubji dwar il-miżuri previsti f'ġestjoni diretta mill-Kummissjoni. L-idea hi li tingħata preferenza għall-appropriazzjoni tal-għodod mill-partijiet interessati, u stennija għal Direttiva futura dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu. L-introduzzjoni ta' kapitolu dwar il-PMI b'ġestjoni konġunta għandha l-għan li ssaħħa l-implimentazzjoni tal-PMI fl-Istati Membri differenti. It-tqarrib tal-pakketti finanzjarji ddedikati għas-sajd, l-akkwakultura u l-PMI jitlob li jiġi konkretizzat permezz ta' sinerġiji msaħħa.

Emenda 133

Proposta għal regolament Artikolu 73 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-FEMS jista' jappoġġja r-reġim ta' kumpens introdott mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 791/2007 għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba mill-operaturi **fis-sajd, fil-biedja u fil-kummerċjalizzazzjoni**

Emenda

1. Il-FEMS jista' jappoġġja reġim ta' kumpens għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba **mill-operaturi tar-reġjuni l-aktar imbiegħda matul il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni,**

ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mill-Azores, mill-Madeira, mill-Gżejjer Kanarji, mill-Gujana Franċiża u mir-Réunion.

għall-esportazzjoni lejn is-suq komunitarju jew is-suq lokali, tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Emenda 134

Proposta għal regolament Artikolu 73 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina, għar-reġjuni msemmija fil-paragrafu 1, *il-lista* ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u *l-kwantità ta' dawk il-prodotti eliġibbli għall-kumpens.*

Emenda

2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina, *f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi responsabbli eletti u l-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tas-sajd reġjonali*, għar-reġjuni msemmija fil-paragrafu 1, *il-prodotti jew il-kategoriji* ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura *eliġibbli li jirċievu kumpens, il-kwantitajiet massimi korrispondenti u l-ammont tal-kumpens, skont il-limitu tal-pakkett globali mogħti lil kull Stat Membru.*

Emenda 135

Proposta għal regolament Artikolu 73 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) (ca) minn sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

Emenda 136

Proposta għal regolament Artikolu 73a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Artikolu 73a
Operaturi*

1. Il-kumpens jitħallas lill-operaturi involuti f'attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura fir-reġjuni kkonċernati.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operaturi li jirċievu kumpens jibqgħu ekonomikament vijabbli.

Emenda 137

Proposta għal regolament Artikolu 75 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan ta' kumpens għal kull reġjun ikkonċernat, inklużi l-lista u l-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 73, il-livell ta' kumpens imsemmi fl-Artikolu 74 u l-awtorità kompetenti stabbilita fl-Artikolu 108.

Emenda

1. L-Istati Membri kkonċernati, ***bi sħubija mal-awtoritajiet reġjonali kompetenti***, għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan ta' kumpens għal kull reġjun ikkonċernat, inklużi l-lista u l-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 73, il-livell ta' kumpens imsemmi fl-Artikolu 74 u l-awtorità kompetenti stabbilita fl-Artikolu 108.

Emenda 138

Proposta għal regolament Artikolu 75a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 75a

Aġġustament

Sabiex jittieħed kont tal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni, l-Istati Membri kkonċernati, bi sħubija mal-awtoritajiet reġjonali, jistgħu jaġġustaw il-lista u l-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 73(2) kif ukoll il-livell ta' kumpens msemmi fl-Artikolu 74.

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 82 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) għajnuna teknika skont l-Artikolu 51 tar-Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni koperti mill-QSK[.../...]

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 96 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Minbarra r-regoli ġenerali tal-Artikolu 72 tar-[Regolament (UE) Nru [...]] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], u wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operazzjonali, għandu jitħallas mill-Kummissjoni ammont inizjali ta' prefinanzjament għall-perjodu kollu ta' programmar. Dan għandu jirrappreżenta **4%** tal-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni lill-programm operazzjonali kkonċernat. Jista' jinqasam f'żewġ pagamenti skont id-disponibbiltà tal-baġit.

1. Minbarra r-regoli ġenerali tal-Artikolu 72 tar-[Regolament (UE) Nru [...]] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], u wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operazzjonali, għandu jitħallas mill-Kummissjoni ammont inizjali ta' prefinanzjament għall-perjodu kollu ta' programmar. Dan għandu jirrappreżenta **7%** tal-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni lill-programm operazzjonali kkonċernat. Jista' jinqasam f'żewġ pagamenti skont id-disponibbiltà tal-baġit.

Ġustifikazzjoni

F'mument ta' kriżi finanzjarja bħal dik ta' bħalissa, m'għandhiex titnaqqas ir-rata ta' prefinanzjament Komunitarju għall-programm operattiv.

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 102 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 55(7) tar-[Regolament (UE) Nru [...]] li jistabbilixxu Dispożizzjonijiet Komuni],

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 55(7) tar-[Regolament (UE) Nru [...]] li jistabbilixxu Dispożizzjonijiet Komuni],

infiq li jsir eliġibbli minħabba emenda ta' programm taħt l-Artikolu 22(2) għandu jkun eliġibbli biss *mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara s-sottomissjoni* tal-emenda.

infiq li jsir eliġibbli minħabba emenda ta' programm taħt l-Artikolu 22(2) għandu jkun eliġibbli biss *mid-data tas-sottomissjoni* tal-emenda.

Ġustifikazzjoni

Meta awtorità ta' ġestjoni tippreżenta modifika tal-programm, fil-maġġoranza tal-każijiet ikollha l-għan li tikkoreġi jew taġġusta intervent għal ċirkostanzi ġodda u għalhekk l-applikazzjoni tagħha għandu jkollha effett mill-mument li fih tiġi preżentata, kif isir fil-FES.

Emenda 142

Proposta għal regolament

Artikolu 105 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha teżerċita dan l-għoti tas-setgħa b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' proporzjonalità u billi tikkunsidra r-riskju li n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS rispettivi jikkostitwixxi theddid serju għall-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi marittimi ħajjin li jirrestawraw u jħarsu l-popolazzjoni tal-ispeċijiet maħsuda *'l fuq mil-livelli li jista' joħloq l-MSY*, is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati jew il-konservazzjoni tal-ambjent marittimu.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha teżerċita dan l-għoti tas-setgħa b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' proporzjonalità u billi tikkunsidra r-riskju li n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS rispettivi jikkostitwixxi theddid serju għall-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi marittimi ħajjin li jirrestawraw u jħarsu l-popolazzjoni tal-ispeċijiet maħsuda *f'livelli qrib ir-RMS*, is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati jew il-konservazzjoni tal-ambjent marittimu.

Emenda 143

Proposta għal regolament

Artikolu 107 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Għall-programm operazzjonali*, l-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet li ġejjin:

Emenda

1. L-Istati Membri, *fi sħubija mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u r-rappreżentanti tas-sajd u l-akkwakultura*, għandhom jaħtru l-awtoritajiet li ġejjin:

Emenda 144

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-awtorità amministrattiva, li tista' tkun jew korp tal-liġi pubblika jew privata, jew l-Istat Membru stess meta jwettaq dak il-kompitu, sabiex dawn ikunu inkarigati mill-ġestjoni tal-programm ikkonċernat;

Emenda

(a) l-awtorità amministrattiva, li tista' tkun jew korp tal-liġi pubblika jew privata, jew l-Istat Membru **jew ir-reġjun** stess meta jwettaq dak il-kompitu, sabiex dawn ikunu inkarigati mill-ġestjoni tal-programm ikkonċernat;

PROCĊEDURA

Taqsim	European Maritime and Fisheries Fund (repeal of Council Regulations (EC) No 1198/2006, (EC) No 861/2006 and (EC) No XXX/2011 on integrated maritime policy)
Referenzi	COM(2011)0804 – C7-0460/2011 – 2011/0380(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 15.12.2011
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 15.12.2011
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Rosa Estaràs Ferragut 26.1.2012
Data tal-adozzjoni	10.10.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 –: 6 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Luís Paulo Alves, Charalampos Angourakis, Catherine Bearder, Victor Boştinaru, John Bufton, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Nikos Chrysogelos, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Ramona Nicole Mănescu, Vladimír Maňka, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Ana Miranda, Jens Nilsson, Lambert van Nistelrooij, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Ewald Stadler, Georgios Stavrakakis, Csanád Szegedi, Nuno Teixeira, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Karima Delli, Jens Geier, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Elisabeth Schroedter, Czesław Adam Siekierski, Giommaria Uggias